Rapport Analitiku
Nru
02

MT

Azzjonijiet li ttieħdu mill-UE biex jiġi indirizzat il-livell baxx ta' ħiliet diġitali

IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

2021

Werrej

	Paragrafu
Sommarju eżekuttiv	I-VII
Introduzzjoni	01-06
Objettiv, ambitu u approċċ tar-rapport analitiku	07-11
Analiżi	12-55
Sitwazzjoni attwali	12-21
Ħtiġijiet ta' ħiliet diġitali fl-UE	12-13
Livell ta' ħiliet diġitali fl-UE	14-17
Tqabbil tal-livelli ta' ħiliet diġitali madwar id-dinja	18-21
Azzjonijiet li ttieħdu mill-UE sal-2020	22-45
Inizjattivi strateġiċi li jappoġġaw il-ħiliet diġitali	22-33
Erasmus+ u l-FSE kienu s-sorsi prinċipali ta' finanzjament għall-ħiliet diġitali	34-42
L-impatt tal-miżuri ta' salvataġġ li ttieħdu mill-Kummissjoni għall-COVID-19 fuq il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 (Erasmus, programmi operazzjonali tal-FSE) relatat mal-ħiliet diġitali	43-45
Il-proposti tal-UE għall-futur (2021-2027)	46-55
Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa	46-47
Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza	48-49
Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)	50-51
Programm Erasmus ġdid għall-perjodu 2021-2027	52
Pjan ta' Azzjoni dwar l-Edukazzjoni Diġitali	53
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għat-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ	54
Aġġornament tal-indikatur tal-ħiliet diġitali	55
Kummenti finali	56-66
Punti prinċipali tar-rapport analitiku	56-61
Sfidi għall-futur	62-66
Glossarju, akronimi u abbrevjazzjonijiet	

Annessi

Anness I – Kejl tal-ħiliet diġitali

Anness II – Koalizzjonijiet Nazzjonali għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali (NDSJC)

Anness III – Informazzjoni finanzjarja dwar it-tnedija tal-programm tal-FSE għall-Istati Membri individwali sa tmiem l-2019

Tim tal-QEA

Sommarju eżekuttiv

I Hekk kif id-dinja qed issir dejjem aktar diġitalizzata, huwa meħtieġ ċertu livell ta' ħiliet diġitali għall-immaniġġjar kemm tal-ħajja privata kif ukoll tal-ħajja fuq il-post tax-xogħol. Fl-2019, terz tal-adulti li għandhom impjieg jew li qed ifittxu xogħol fl-UE – jiġifieri aktar minn 75 miljun persuna – ma kellhomx mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi jew qatt ma kienu użaw l-internet matul it-tliet xhur preċedenti. Il-proporzjon kien ogħla għal dawk b'livelli baxxi ta' edukazzjoni, għal persuni akbar fl-età kif ukoll għal dawk qiegħda.

II Ir-rwol tal-UE f'termini ta' żieda fil-ħiliet diġitali huwa li tappoġġa azzjonijiet nazzjonali permezz ta' linji gwida u rakkomandazzjonijiet, billi tipprovdi appoġġ lin-networks ta' kooperazzjoni u tiffinanzja azzjonijiet li jindirizzaw dan is-suġġett. Ir-responsabbiltà primarja għas-sistemi edukattivi u t-taħriġ vokazzjonali, madankollu, taqa' taħt l-Istati Membri tal-UE.

III Dan ir-rapport mhuwiex ir-riżultat ta' awditu iżda ta' rieżaminar ta' informazzjoni prinċipalment disponibbli għall-pubbliku. Huwa ma jinkludi l-ebda valutazzjoni ta' azzjoni li ttieħdet mill-Kummissjoni f'dan il-qasam jew ta' rakkomandazzjonijiet. Aħna stabbilejna l-iżvilupp reċenti tal-ħiliet diġitali bażiċi fost il-forza tax-xogħol fl-età ta' bejn 25 u 64 sena fil-kuntest tal-azzjoni li ttieħdet mill-UE f'dan il-qasam mill-2010 'l hawn, b'mod partikolari f'dawn l-aħħar 5 snin. Il-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid tal-UE, jiġifieri dak tal-2021-2027, huwa ż-żmien ideali biex tingħibed l-attenzjoni għall-importanza ta' din il-kwistjoni, u biex jiġu stabbiliti sfidi potenzjali ta' livell għoli għal dawk li jfasslu l-programmi u li jagħżlu l-proġetti f'dan il-perjodu sal-bidu tal-2021.

IV Ir-rapport analitiku juri li l-UE ilha li rrikonoxxiet l-importanza tal-ħiliet diġitali bażiċi għaċ-ċittadini kollha, u inkludiethom bħala kwistjoni fl-istrateġija Ewropa 2020 tagħha. Mill-2010 'l hawn, l-UE stabbiliet għadd ta' inizjattivi differenti li jindirizzaw il-ħiliet diġitali – spiss bħala parti minn miżuri usa". Is-suġġett huwa wieħed wiesa', li jinvolvi ħafna partijiet ikkonċernati f'ħafna livelli. Ir-riżultat huwa firxa ta' azzjonijiet fil-livell tal-UE, li joperaw b'mod parallel u huma parzjalment interkonnessi. Mill-2016 'il hawn, kien hemm fokus akbar fuq il-ħiliet diġitali jew dawk bażiċi, għalkemm l-azzjonijiet spiss ikomplu jindirizzaw ħiliet, livelli ta' ħiliet jew gruppi fil-mira oħra.

V Sal-2015, l-azzjonijiet li ttieħdu mill-UE ma kinux immirati speċifikament lejn il-ħiliet diġitali bażiċi għall-adulti. Minn dak iż-żmien, l-azzjonijiet biex jiżdied il-perċentwal tal-forza tax-xogħol b'ħiliet diġitali bażiċi saru aktar prominenti. Il-Kummissjoni

ddefiniet Qafas ta' Kompetenza Diġitali rikonoxxut internazzjonalment, appoġġat l-iżvilupp ta' strateġiji nazzjonali dwar il-ħiliet diġitali u assistiet fil-ħolqien ta' Koalizzjonijiet nazzjonali għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali fi kważi l-Istati Membri kollha. Min-naħa l-oħra, fl-2019 il-Kummissjoni kkonkludiet li l-għadd ta' proġetti ffinanzjati mill-UE għat-titjib tal-ħiliet ta' adulti b'livell baxx ta' ħiliet ma kienx suffiċjenti. U għalkemm l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa pproponiet il-litteriżmu u l-kompetenza diġitali bħala prijorità għall-Fond Soċjali Ewropew (FSE) fil-perjodu 2014-2020, il-proġetti li jindirizzaw speċifikament it-taħriġ relatat mal-ħiliet diġitali fl-Istati Membri rrappreżentaw madwar 2 % tat-total tal-finanzjament mill-FSE għall-perjodu.

VI Skont l-indikaturi użati mill-Kummissjoni, ftit li xejn kien hemm progress fost l-Istati Membri tal-UE fl-intier tagħhom fir-rigward tal-ħiliet diġitali bażiċi fi snin reċenti. Għalkemm l-Istati Membri tal-UE bl-aħjar prestazzjoni huma fost il-grupp ewlieni ta' pajjiżi fil-livell dinji fejn teżisti *data* komparabbli, l-Istati Membri bl-agħar prestazzjoni mhumiex aħjar minn dawk il-pajjiżi terzi li jinsabu fin-naħa ta' isfel tal-iskala tagħhom. Għal dan l-aħħar grupp ta' Stati Membri, is-sitwazzjoni marret għall-agħar b'mod gradwali matul il-perjodu mill-2015 sal-2018, li jindika li d-distakk diġitali mhuwiex biss problema fost il-gruppi fi ħdan Stat Membru, iżda wkoll bejn il-pajjiżi bi prestazzjoni għolja u dawk bi prestazzjoni baxxa f'dan ir-rigward.

VII Għall-perjodu 2021-2027 il-ġdid, għall-ewwel darba l-Kummissjoni stabbiliet objettiv speċifiku biex il-perċentwal ta' ċittadini b'ħiliet diġitali bażiċi jiżdied minn 56 % fl-2019 għal 70 % fl-2025. Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv, aħna identifikajna xi sfidi, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-allokazzjoni ta' ammonti speċifiċi ta' programmi futuri tal-UE, id-definizzjoni ta' subobjettivi u ta' stadji importanti biex jintlaħaq dan l-objettiv, l-identifikazzjoni ta' proġetti mmirati lejn il-ħiliet diġitali bażiċi tal-adulti, u l-valutazzjoni konsistenti tal-ħiliet diġitali fuq perjodu itwal ta' żmien f'ambjent diġitali li qed jinbidel rapidament.

Introduzzjoni

01 Fl-2019, 35 % tal-forza tax-xogħol tal-UE – jiġifieri dawk li kienu qed jaħdmu jew li kienu qed ifittxu xogħol – fl-età ta' bejn 25 u 64 sena, li jirrappreżentaw aktar minn 75 miljun persuna, ma kellhomx mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi (jew il-ħiliet tagħhom ma setgħux jiġu vvalutati, minħabba li ma użawx l-internet f'dawn l-aħħar 3 xhur). Fi ħdan l-UE hemm varjazzjoni konsiderevoli bejn l-Istati Membri (il-*Figura 1*).

Figura 1 – Perċentwal tal-forza tax-xogħol attiva li ma kellhiex mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi fl-2019



Nota: Id-*data* hija bbażata fuq l-EU-28 u tinkludi wkoll lil dawk iċ-ċittadini li l-ħiliet tagħhom ma setgħux jiġu vvalutati, minħabba li ma użawx l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur.

Sors: l-Eurostat.

Kaxxa 1

X'inhuma "Ħiliet diġitali bażiċi"

Hemm diversi definizzjonijiet għall-ħiliet jew il-kompetenzi diġitali, u bosta termini, bħal "litteriżmu diġitali", "kompetenza diġitali", "ħiliet relatati mal-ICT" u "ħiliet elettroniċi", spiss jintużaw b'mod sinonimu. F'Mejju 2018, il-Kunsill Ewropew iddefinixxa l-kompetenza diġitali bħala li "*tinvolvi l-użu kunfidenti, kritiku u responsabbli tat-teknoloġiji diġitali u l-involviment tagħhom għat-tagħlim, fuq il-post tax-xogħol, u għall-parteċipazzjoni fis-soċjetà. Din tinkludi litteriżmu fl-informazzjoni u d-data, il-komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni, il-litteriżmu fil-media, il-ħolqien ta' kontenut diġitali (inkluż l-ipprogrammar), is-sikurezza (inklużi l-benesseri diġitali u l-kompetenzi relatati maċ-ċibersigurtà), kwistjonijiet relatati mal-proprjetà intellettwali, is-soluzzjoni tal-problemi u l-ħsieb kritiku*".

Fir-rigward tal-livell ta' ħiliet diġitali, aħna nirreferu prinċipalment għall-Qafas Ewropew ta' Kompetenza Diġitali għaċ-Ċittadini (ara l-paragrafu ***09***), li jirrikjedi l-livelli bażiċi ta' kompetenzi għat-twettiq ta' kompiti sempliċi fl-oqsma kollha msemmija mill-Kunsill.

02 Il-konsegwenzi ta' dan id-"distakk diġitali" huma li l-adulti b'livelli aktar baxxi ta' ħiliet diġitali aktar ta' spiss jiffaċċjaw problemi biex isibu impjieg; u meta fil-fatt jidħlu f'impjieg, dawn jaqilgħu inqas minn adulti b'livelli ogħla ta' ħiliet diġitali[1]. L-analiżi mwettqa mill-OECD turi li d-domanda għal ħiliet diġitali bażiċi żdiedet fil-biċċa l-kbira mill-pajjiżi. Ħafna ħaddiema jużaw l-ICT regolarment mingħajr ma għandhom ħiliet adegwati tal-ICT: bħala medja, aktar minn 40 % tal-ħaddiema li jużaw software tal-uffiċċju kuljum ma għandhomx ħiliet suffiċjenti biex jużawh b'mod effettiv[2]. Fi Frar 2020, fil-Komunikazzjoni tagħha "Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa"[3], il-Kummissjoni enfasizzat li aktar minn 90 % tal-impjiegi diġà jirrikjedu mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, iżda l-ħtieġa għal ħiliet diġitali tmur ferm lil hinn mis-suq tax-xogħol.

03 Il-pandemija tal-COVID-19 kompliet tenfasizza l-importanza tal-ħiliet diġitali bażiċi għaċ-ċittadini. F'Ġunju 2020, il-Kummissjoni ddikjarat li: "*Il-kriżi tal-coronavirus uriet kemm huwa kruċjali għaċ-ċittadini u n-negozji tagħna li jkunu konnessi u li jkunu jistgħu jinteraġixxu ma' xulxin fuq l-internet. Se nkomplu naħdmu mal-Istati Membri*

---

[1] Does having digital skills really pay off?, Adult skills in focus, OECD, 2015.

[2] Skills for a Digital Word, 2016 Ministerial Meeting on the Digital Economy, Background Paper, OECD, 2016, p. 6.

[3] COM(2020) 67 final.

biex nidentifikaw oqsma fejn hemm bżonn ta' aktar investiment biex l-Ewropej kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw mis-servizzi u mill-innovazzjonijiet diġitali"[4].

04 Il-ħtieġa li ċ-ċittadini jiġu mgħammra b'ħiliet diġitali ilha għal xi żmien rikonoxxuta mill-UE. L-istrateġija fuq terminu twil u ta' livell għoli tal-UE, Ewropa 2020, li damet għaddejja mill-2010 sal-2020, inkludiet l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa bħala waħda mis-seba' "inizjattivi ewlenin" tagħha. Din iddikjarat li l-Kummissjoni se taħdem biex "tippromwovi aċċess u l-użu tal-internet miċ-ċittadini kollha tal-Ewropa, speċjalment permezz ta' azzjonijiet għas-sostenn tal-kapaċitajiet u l-aċċessibbiltà diġitali"; u l-ħiliet diġitali huma msemmija speċifikament bħala xi ħaġa li l-Istati Membri jeħtieġ li jiżviluppaw[5]. Sa mit-tnedija tal-istrateġija fl-2010, l-UE żviluppat għadd ta' inizjattivi li jkopru, sa livelli differenti, il-ħiliet diġitali – kif ippreżentati fil-korp ta' dan ir-rapport.

05 L-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà primarja għas-sistemi edukattivi u għat-taħriġ vokazzjonali. Il-politika tal-UE f'dawn l-oqsma hija mfassla biex tappoġġa l-azzjoni fl-Istati Membri[6]. Għalhekk, l-UE għandha wkoll rwol billi tgħin lill-Istati Membri jindirizzaw sfidi komuni, bħal soċjetajiet li qed jixjieħu, defiċits fil-ħiliet, żviluppi teknoloġiċi u kompetizzjoni fil-livell globali.

06 Fi ħdan dan il-qafas, minbarra li tappoġġa r-riformi strutturali u l-proġetti mmirati bil-fondi tagħha, l-UE tista' tadotta wkoll linji gwida u rakkomandazzjonijiet, u tipprovdi appoġġ lin-networks ta' kooperazzjoni. Madankollu, billi l-inizjattivi tal-UE fil-qasam tal-ħiliet diġitali bażiċi għall-adulti normalment jagħmlu parti minn inizjattivi usa', ġeneralment mhuwiex possibbli li jiġi ddeterminat l-ammont totali tal-fondi tal-UE li ntefqu fil-qasam speċifiku tal-ħiliet diġitali bażiċi għall-adulti.

---

[4] Ara l-istqarrija għall-istampa tal-Kummissjoni tal-11 ta' Ġunju 2020, Brussell.

[5] Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, COM(2010) 2020 final.

[6] It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE, l-Artikoli 165 u 166.

Objettiv, ambitu u approċċ tar-rapport analitiku

07 Minħabba l-importanza tal-ħiliet diġitali bażiċi f'ħafna partijiet tal-ekonomija, u l-għadd kbir ta' adulti li ma għandhomx tali ħiliet, l-objettiv ta' dan ir-rapport analitiku huwa li jipprovdi ħarsa ġenerali u analiżi tal-modi differenti li bihom l-UE tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex itejbu din is-sitwazzjoni – ara l-***Figura 2***. Dan ir-rapport analitiku jibni fuq rapporti preċedenti tal-QEA f'dan il-qasam[7]. Aħna nħarsu lejn dak li sar mill-2010 'l hawn, u nippreżentaw l-intenzjonijiet tal-Kummissjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 li jmiss. L-għan tagħna huwa li niġbdu l-attenzjoni għall-importanza ta' din il-kwistjoni u li nistabbilixxu sfidi potenzjali ta' livell għoli għal dawk li jfasslu l-programmi u jagħżlu l-proġetti f'dan il-perjodu sal-bidu tal-2021, fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid tal-UE, jiġifieri dak tal-2021-2027.

08 Il-QEA qed tipparteċipa fil-grupp tal-proġett kooperattiv "Workforce 2030 – Challenges and opportunities" tal-EUROSAI[8], li qed janalizza l-bidliet globali, teknoloġiċi u demografiċi li d-dinja se tiffaċċja fil-futur, kif ukoll l-effetti tagħhom fuq il-forza tax-xogħol. Għadd ta' awditi paralleli tnedew mis-SAIs u dan ir-rapport analitiku se jkun parti mir-rapport finali tal-grupp ta' ħidma.

---

[7] Ir-Rapporti Speċjali Nri 19/2020, 22/2018, 5/2017 u 3/2015.

[8] L-istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-Bulgarija, il-Finlandja, Iżrael, l-Italja, il-Polonja, ir-Repubblika tal-Korea, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq u l-QEA qed jipparteċipaw f'dan il-grupp tal-proġett.

Figura 2 – Ambitu tar-rapport analitiku



Nota: il-kaxxi ħodor immarkati jindikaw l-ambitu ta' dan ir-rapport analitiku.

Sors: il-QEA.

09 Fl-2013, il-Kummissjoni ppubblikat il-Qafas Ewropew ta' Kompetenza Diġitali għaċ-Ċittadini (DigComp)[9] bħala qafas ta' referenza biex jispjega xi jfisser li wieħed ikun "diġitalment kompetenti". Il-verżjoni l-aktar reċenti ta' DigComp[10] toffri deskrizzjoni komprensiva tal-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet li l-persuni jeħtieġu f'ħames oqsma ta' kompetenza: il-litteriżmu fl-informazzjoni u d-*data*, il-komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni; il-ħolqien ta' kontenut diġitali; is-soluzzjoni tal-problemi; u s-sikurezza. DigComp jistabbilixxi wkoll tmien livelli differenti ta' proficjenza, li jibnu fuq l-istruttura u l-vokabularju tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK), li jvarjaw minn "livell bażiku" għal "speċjalizzat ħafna".

10 Mill-2015 'il hawn (bl-eċċezzjoni tal-2018), l-Eurostat ippubblika kull sena indikatur kompost li jkejjel il-ħiliet diġitali f'erba' oqsma (magħruf bħala l-Indikatur tal-Ħiliet Diġitali), li jikkorrispondi għall-ħames oqsma ta' kompetenza ta' DigComp bl-eċċezzjoni tas-sikurezza (sal-2020). Id-*data* pprovduta mill-Eurostat tikkategorizza

[9] Ferrari, Anusca: DIGCOMP: A Framework for Developing and Understanding Digital Competence in Europe, JRC, 2013.

[10] Carretero, S.; Vuorikari, R. u Punie, Y. (2017). DigComp 2.1: The Digital Competence Framework for Citizens with eight proficiency levels and examples of use, EUR 28 558 EN, doi:10.2760/38 842.

lill-persuni bħala mingħajr ħiliet diġitali, jew b'ħiliet li huma ta' livell baxx, bażiċi jew ogħla minn dawk bażiċi (jew ma setgħux jiġu vvalutati). Il-fokus ta' dan ir-rapport analitiku huwa l-azzjoni li ttieħdet mill-UE u li tfasslet biex il-ħiliet diġitali tal-adulti mingħajr dawn il-ħiliet jew b'livell baxx jittejbu għal livell bażiku jew ogħla minn dak bażiku. Tali azzjoni spiss tifforma parti minn inizjattivi usa' li jindirizzaw il-ħiliet bażiċi, il-ħiliet diġitali jew it-tagħlim tul il-ħajja. Miżuri oħra ta' ħiliet diġitali analizzati f'dan ir-rapport jinkludu l-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI), id-DESI Internazzjonali, u l-istħarriġ dwar il-ħiliet imwettaq taħt il-Programm tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Kompetenzi tal-Adulti. Dawn l-indikaturi differenti ma jipprovdux l-istess riżultati u mhux dejjem huma komparabbli, minħabba l-approċċi metodoloġiċi differenti. Deskrizzjoni dettaljata tal-indikaturi u l-metodoloġiji tagħhom tinsab fl-***Anness I***.

11 Billi dan mhuwiex rapport tal-awditjar iżda huwa rapport analitiku, l-informazzjoni f'dan ir-rapport hija bbażata prinċipalment fuq informazzjoni disponibbli għall-pubbliku jew fuq materjal li nġabar speċifikament għal dan l-iskop f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, fejn huma involuti għadd ta' Direttorati Ġenerali (DĠ): EMPL, CNECT, EAC, ESTAT, u GROW (ara l-Glossarju għall-ismijiet sħaħ ta' dawn id-DĠ). Din l-informazzjoni tinkludi dokumenti pubbliċi relatati mal-ħiliet diġitali bażiċi, analiżi tal-allokazzjoni baġitarja tal-UE, u l-infiq tal-UE fuq it-titjib tal-ħiliet diġitali tal-adulti għal mill-inqas il-livell bażiku. Għall-FSE, aħna analizzajna l-użu tal-objettiv tematiku tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-ħiliet diġitali bażiċi biex nuru kif il-programmi operazzjonali nedew l-inizjattivi tal-UE u huma mmirati lejn il-ħiliet diġitali bażiċi. Eżaminajna wkoll il-modi differenti ta' kif il-ħiliet diġitali jiġu vvalutati u mkejla mill-Kummissjoni tal-UE u mill-OECD.

Analiżi

Sitwazzjoni attwali

Ħtiġijiet ta' ħiliet diġitali fl-UE

12 Fi snin reċenti, it-tkabbir tad-diġitalizzazzjoni fis-suq tax-xogħol irriżulta f'żieda fid-domanda għall-ħiliet diġitali, u din mistennija tkompli tikber fil-futur. L-Istħarriġ tal-2017 dwar il-Ħiliet Diġitali Ewropej[11] irrapporta li, f'xi kategoriji ta' impjiegi aktar minn 90 % tal-impjiegi jeħtieġu tipi speċifiċi ta' ħiliet diġitali. Il-ħiliet diġitali bażiċi huma l-aktar meħtieġa b'mod komuni fl-okkupazzjonijiet kollha. Dan l-istħarriġ sab li l-ħtieġa għal ħiliet diġitali testendi ferm lil hinn mix-xogħol tradizzjonali bbażat f'uffiċċju għal impjiegi bħal tekniċi u ħaddiema agrikoli tas-sengħa. Il-ħiliet diġitali speċjalizzati kienu meħtieġa sa ċertu punt inqas, u kienu relatati ma' setturi speċifiċi. Skont stħarriġ tal-2014 dwar il-ħiliet u l-impjiegi Ewropej[12], aktar minn 70 % tal-impjegati fl-UE rrappurtaw li kienu jeħtieġu livell bażiku (19 %) jew livell moderat (52 %) ta' ħiliet tal-ICT biex iwettqu l-kompiti tal-impjieg tagħhom[13]. Il-***Figura 3*** turi l-pożizzjoni f'kull wieħed mill-Istati Membri tal-UE.

[11] ICT for work: Digital skills in the workplace, Rapport finali, 2017: ISBN 978-92-79-67 761-8.

[12] European skills and jobs survey (ESJS), Cedefop.

[13] Cedefop (2016), "The great divide: Digitalisation and digital skill gaps in the EU workforce", #ESJsurvey Insights, Nru 9, Salonka: il-Greċja

Figura 3 – Il-livell ta' ħiliet tal-ICT meħtieġa biex jitwettaq impjieg



Nota: Il-livelli ta' ħiliet diġitali ġew iddefiniti kif ġej: livell **bażiku** fl-ICT (l-użu ta' PC, tablet jew apparat mobbli biex jintbagħtu emails jew għan-navigazzjoni fuq l-internet); livell **moderat** fl-ICT (l-użu tal-word processing jew il-ħolqien ta' dokumenti u/jew spreadsheets) u livell **avvanzat** fil-ħiliet tal-ICT (l-iżvilupp ta' software, applikazzjonijiet jew ipprogrammar, u l-użu ta' sintassi tal-informatika jew ta' pakketti ta' analiżi statistika).

Sors: is-Cedefop, stħarriġ dwar il-ħiliet u l-impjiegi Ewropej, 2014.

13 L-istħarriġ dwar il-Ħiliet Diġitali Ewropej sab ukoll li 15 % tal-postijiet tax-xogħol fl-UE kellhom diskrepanzi fil-ħiliet diġitali fil-forza tax-xogħol tagħhom. Id-diskrepanzi relatati mal-ħiliet bażiċi kienu aktar ikkonċentrati fost it-tekniċi (22 %), l-okkupazzjonijiet elementari (21 %), il-ħaddiema fis-settur tal-bejgħ (20 %) u l-ħaddiema klerikali (17 %)[14], li juru l-importanza tal-ħiliet diġitali bażiċi għal firxa wiesgħa ta' okkupazzjonijiet.

Livell ta' ħiliet diġitali fl-UE

14 Skont l-indikatur kompost tal-Eurostat, fi snin reċenti, il-livell ta' ħiliet diġitali bażiċi kien qed jiżdied gradwalment fil-livell tal-UE u fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri. Il-***Figura 4*** turi l-evoluzzjoni tal-ħiliet diġitali[15] għall-adulti ekonomikament attivi

[14] Curtarelli, Maurizio u Gualtieri, Valentina ma' Shater Jannati, Maryam u Donlevy, Vicki, ICT for work: Digital skills in the workplace, Final report, 2016, pp. 8 u 95.

[15] Ara l-***Anness I***.

mill-2015 sal-2019 għall-Istati Membri kollha. F'seba' Stati Membri, il-proporzjon ta' adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi naqas kemxejn bejn l-2015 u l-2019.

Figura 4 – Perċentwal tal-forza tax-xogħol fl-età ta' bejn 25 u 64 sena u b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi



Nota: Skont l-Eurostat, għaċ-Ċekja, l-Italja, il-Latvja u l-Lussemburgu, il-metodu għall-ġbir tad-*data* nbidel bejn l-2015 u l-2019. Għall-Iżvezja, id-*data* għall-2019 għandha affidabbiltà baxxa.

Sors: l-Eurostat.

15 Fl-2014, il-Kummissjoni introduċiet l-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI), indiċi kompost li jiġbor fil-qosor l-indikaturi rilevanti dwar il-prestazzjoni diġitali tal-Ewropa u li jittraċċa l-progress tal-Istati Membri fil-kompetittività diġitali. Waħda mill-ħames "dimensjonijiet" tad-DESI hija l-"Kapital Uman". Din tieħu kont kemm tal-ħiliet diġitali bażiċi kif ukoll tal-ħiliet diġitali avvanzati billi t-tnejn huma essenzjali għall-ekonomija Ewropea. Il-***Figura 5*** turi kif l-Istati Membri jikklassifikaw f'termini tad-dimensjoni tal-kapital uman tad-DESI. Il-livelli ta' ħiliet diġitali bażiċi u ta' ħiliet diġitali avvanzati mhumiex l-istess.

Figura 5 – Dimensjoni tal-kapital uman tad-DESI fl-2019 - ħiliet bażiċi u dawk avvanzati



Nota: Għall-finijiet tal-analiżi tagħna, aħna ttrattajna l-kategoriji tad-DESI rigward il-ħiliet tal-utenti tal-internet u l-ħiliet avvanzati u l-iżvilupp bħala ekwivalenti għall-ħiliet diġitali bażiċi u għall-ħiliet diġitali avvanzati, rispettivament.

Sors: id-DĠ CNECT.

16 Għadd ta' fatturi jikkontribwixxu għal-livell ta' ħiliet diġitali. Dawn jinkludu l-infrastruttura fiżika: id-disponibbiltà ta' kompjuters u ta' konnessjoni tajba tal-internet. L-analiżi tal-OECD[16] turi li, filwaqt li d-differenzi bejn il-ġeneri mhumiex partikolarment evidenti, il-livell edukattiv u l-età għandhom impatt fuq il-ħiliet diġitali. Fil-biċċa l-kbira mill-pajjiżi, ħafna adulti b'livell baxx ta' edukazzjoni ma kellhomx profiċjenza bażika fl-użu tal-ICT, filwaqt li dawn il-ħiliet kienu kważi universali fost l-adulti b'edukazzjoni terzjarja. F'termini ta' età, il-ħiliet tal-ICT tal-persuni fil-kampjun li għandhom aktar minn 30 sena jiddeterjoraw progressivament. Id-*data* pprovduta mill-Eurostat tikkonferma dawn ix-xejriet (il-***Figura 6***).

[16] Riżultati mill-pubblikazzjoni: OECD (2019), Skills Matter: *Additional Results from the Survey of Adult Skills*, OECD Skills Studies, Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi.

Figura 6 – Perċentwal ta' persuni fl-UE b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, skont l-età u skont il-livell ta' edukazzjoni



Sors: l-Eurostat.

17 Il-***Figura 7*** turi l-livelli differenti tal-ħiliet fi ħdan il-forza tax-xogħol minn perspettiva differenti. Hija turi li hemm diskrepanza ċara, u li qed tikber, fil-livelli ta' ħiliet diġitali ta' dawk li għandhom impjieg u ta' dawk qiegħda. Għalhekk huwa importanti ħafna li l-persuni qiegħda ma jitħallewx barra mill-isforzi biex jiżdiedu l-livelli ta' ħiliet diġitali, biex b'hekk jiġu mmassimizzati l-opportunitajiet tagħhom li jidħlu (mill-ġdid) b'suċċess fis-suq tax-xogħol.

Figura 7 – Perċentwal ta’ persuni mingħajr ħiliet diġitali jew b’livell baxx ta’ ħiliet diġitali, skont l-istatus fl-impjieg tagħhom fl-UE



Nota: Din il-grafika ma tinkludix lil dawk il-persuni li l-ħiliet diġitali tagħhom ma setgħux jiġu vvalutati.

Sors: l-Eurostat.

Tqabbil tal-livelli ta’ ħiliet diġitali madwar id-dinja

18 Il-verżjoni internazzjonali tad-DESI (I-DESI) tipprovdi valutazzjoni kumplessiva ta’ fejn l-UE tinsab meta mqabbla ma’ xi ekonomiji li mhumiex tal-UE[17]. I-DESI jestendi r-riżultati tad-DESI għal pajjiżi terzi billi juża indikaturi li jkejlu varjabbli simili. B’kuntrast mad-DESI, li juża sorsi primarji, I-DESI jiddependi minn firxa ta’ sorsi sekondarji ta’ evidenza. I-DESI huwa indikatur inqas sofistikat mid-DESI, iżda joffri ħarsa ġenerali wiesgħa lejn it-tqabbil bejn il-pajjiżi.

19 Il-*Figura 8* tipprovdi stampa ġenerali tal-mod kif l-Istati Membri tal-UE fl-intier tagħhom, kif ukoll l-ewwel u l-aħħar erba’ Stati Membri, jikklassifikaw meta mqabbla

[17] Ara I-DESI 2020: How digital is Europe compared to other major world economies? (Pajjiżi inklużi: l-EU-28, l-Awstralja, il-Brażil, il-Kanada, iċ-Ċilì, iċ-Ċina, l-Iżlanda, Iżrael, il-Ġappun, il-Messiku, New Zealand, in-Norveġja, ir-Repubblika tal-Korea, ir-Russja, is-Serbja, l-Iżvizzera, it-Turkija, l-Istati Uniti).

ma’ pajjiżi terzi komparaturi fir-rigward tal-ħiliet diġitali bażiċi għall-perjodu 2015-2018. B’mod ġenerali, il-valutazzjonijiet għall-Istati Membri tal-UE huma konformi ma’ dawk tal-pajjiżi l-oħra: il-medji ta’ dawn iż-żewġ gruppi kienu qrib ħafna fl-2018, u matul il-perjodu l-klassifikazzjonijiet tal-ewwel u tal-aħħar erba’ Stati Membri kienu konformi ma’ dawk tal-pajjiżi terzi komparaturi bl-aħjar u bl-agħar prestazzjoni. Skont I-DESI, għadd ta’ pajjiżi – 9 mit-28 Stat Membru tal-UE u 5 mis-17-il pajjiż terz – kellhom punteġġ aktar baxx fl-2018 meta mqabbla ma’ snin preċedenti.

Figura 8 – I-DESI: Tqabbil internazzjonali tal-popolazzjonijiet b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi fil-perjodu 2015-2018



Nota: L-indikatur I-DESI għall-ħiliet diġitali bażiċi huwa bbażat fuq indikaturi u komputazzjonijiet tal-OECD. Għal aktar dettalji ara l-***Anness I***. L-EWWEL 4 u l-AĦĦAR 4 – jiġifieri dawk il-pajjiżi bl-aħjar u bl-agħar prestazzjoni rispettivament – ivarjaw kull sena. Skont il-kuntrattur, id-*data* għall-2018 hija stmata abbażi tal-aħjar metodi disponibbli għall-imputazzjoni tal-valuri nieqsa.

Sors: il-QEA, ibbażat fuq is-sett ta' *data* tar-rapport I-DESI 2020.

20 Sors ieħor ta' *data* dwar il-livelli ta' ħiliet diġitali tal-pajjiżi huwa l-Programm tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Kompetenzi tal-Adulti. Din il-valutazzjoni hija bbażata fuq stħarriġ li jkejjel il-profiċjenza tal-adulti fil-ħiliet ewlenin tal-ipproċessar tal-informazzjoni – il-litteriżmu, in-numeriżmu u s-soluzzjoni

tal-problemi (magħrufa wkoll bħala ħiliet diġitali) – u kif huma jużaw il-ħiliet tagħhom meta jkunu d-dar, fuq il-post tax-xogħol u fil-komunità usa' biex isolvu t-tipi ta' problemi li normalment jiffaċċjaw bħala utenti tal-ICT f'soċjetajiet moderni. Id-dimensjonijiet konjittivi tas-soluzzjoni tal-problemi huma l-objettiv ċentrali tal-valutazzjoni, filwaqt li l-użu tal-ICT huwa dak sekondarju. Għall-kuntrarju tad-DESI, il-valutazzjoni tinvolvi test, mhux awtovalutazzjoni, u għalhekk tista' tipprovdi riżultat aktar oġġettiv. Mill-21 Stat Membru tal-UE (jew reġjuni tal-Istati Membri) li pparteċipaw, 17 kienu wettqu l-parti dwar il-ħiliet diġitali (il-***Figura 9***).

Figura 9 – Proficjenza tal-adulti fis-soluzzjoni tal-problemi, perċentwal tal-popolazzjoni



Noti: L-istħarriġ ġie kkompletat fi tliet ċikli: 2011-12, 2013-14 u 2017 (l-Anness I).

Ċipru, Franza, l-Italja u Spanja pparteċipaw fit-testijiet tan-numeriżmu u tal-litteriżmu, iżda għażlu li ma jipparteċipawx fl-element tat-test tas-soluzzjoni tal-problemi.

Il-ħiliet diġitali bażiċi ġeneralment jikkorrispondu għal-Livell 1 u taħt il-Livell 1.

Sors: graff tal-QEA bbażata fuq *data* pprovduta mill-OECD.

21 Ir-riżultati tal-istħarriġ imwettaq mill-OECD huma fil-biċċa l-kbira konformi mad-DESI, li juru li l-pajjiżi Nordiċi ġeneralment għandhom l-aħjar prestazzjoni fil-ħiliet diġitali, u li l-ewwel ħames pajjiżi tal-UE bl-aħjar prestazzjoni huma fost l-aqwa fid-dinja. Bl-istess mod, dawk l-Istati Membri li għandhom punteġġ aktar baxx fid-DESI, jikklassifikaw ukoll taħt il-medja tal-OECD f'dik il-valutazzjoni.

Azzjonijiet li ttieħdu mill-UE sal-2020

Inizjattivi strateġiċi li jappoġġaw il-ħiliet diġitali

22 Id-diskrepanza fil-ħiliet fl-ICT ilha kważi 20 sena li ġiet rikonoxxuta mill-UE[18]. F'dan il-kuntest, il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009[19] stabbilew qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020), u fl-2010 l-istrateġija Ewropa 2020[20] inkludiet element tal-ħiliet diġitali permezz tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa (il-paragrafu ***04***). L-istrateġija Ewropa 2020 inkludiet ukoll "Aġenda għall-Ħiliet Ġodda u l-Impjiegi", li ġiet imfassla biex timmodernizza s-swieq tax-xogħol u tagħti s-setgħa lin-nies billi jiġu żviluppati l-ħiliet tagħhom matul iċ-ċiklu tal-ħajja bil-ħsieb li tiżdied il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u jkun hemm tqabbil aħjar bejn il-provvista ta' ħaddiema u d-domanda għalihom, inkluż permezz tal-mobbiltà tal-impjiegi.

23 Mill-2010 'l hawn, l-UE stabbiliet għadd ta' inizjattivi differenti li jindirizzaw il-ħiliet diġitali – spiss bħala parti minn miżuri usa". Is-suġġett huwa wieħed wiesa' u jinvolvi ħafna partijiet ikkonċernati f'ħafna livelli: pereżempju parti kbira mill-popolazzjoni, saffi differenti tal-amministrazzjoni pubblika, l-edukazzjoni u l-industrija. Ir-riżultat huwa firxa ta' azzjonijiet fil-livell tal-UE, li joperaw b'mod parallel u huma parzjalment interkonnessi. It-***Tabella 1*** tipprovdi stampa ġenerali tal-azzjonijiet ippreżentati fit-taqsimiet li ġejjin, flimkien mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2018 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja (il-***Kaxxa 1***) u l-verżjoni l-aktar reċenti ta' DigComp (il-paragrafu ***09***). It-tabella turi wkoll li, mill-2016 'il hawn, kien hemm fokus akbar fuq il-ħiliet diġitali jew dawk bażiċi, għalkemm l-azzjonijiet spiss ikomplu jindirizzaw ħiliet, livelli ta' ħiliet jew gruppi fil-mira oħra aktar milli jiffukaw speċifikament fuq il-ħiliet diġitali bażiċi għall-adulti.

---

[18] Ara eEurope 2002: Impact and Priorities A communication to the Spring European Council in Stockholm, it-23-24 ta' Marzu 2001 (COM(2001) 140 final) jew id-Dikjarazzjoni Ministerjali adottata fil-11 ta' Ġunju 2006, Riga, il-Latvja.

[19] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ("ET 2020").

[20] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, COM(2010) 2020 finali.

Tabella 1 – Azzjonijiet tal-UE li għaddejjin bħalissa u l-oqsma tal-ħiliet, il-livelli ta' ħiliet u l-gruppi ta' età tagħhom

Azzjonijiet li ttieħdu mill-UE	Qasam tal-ħiliet	Livelli ta' ħiliet	Grupp ta' età
Aġenda Diġitali għall-Ewropa (2010)	Seba' oqsma prijoritarji, inklużi l-ħiliet diġitali u l-inklużjoni.	It-tipi kollha ta' livelli	Gruppi ta' età bejn is-16 u l-74 sena
Qafas ta' Kompetenza Diġitali għaċ-Ċittadini (2013)	Ħiliet diġitali	Il-livelli kollha ta' ħiliet	Il-gruppi kollha ta' età
Strateġija għal Suq Uniku Diġitali (2015)	Jissemmew b'mod speċifiku l-ħiliet diġitali u l-għarfien espert iżda jiġu koperti wkoll oqsma oħra	It-tipi kollha ta' livelli, iżda l-ħiliet bażiċi jissemmew b'mod speċifiku	Il-gruppi kollha ta' età
Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea (2016)	Fokus fuq id-Diġitalizzazzjoni	It-tipi kollha ta' livelli	Il-gruppi kollha ta' età
Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet (2016)	L-oqsma kollha tal-ħiliet	Livell bażiku[1]	Adulti[2]
Koalizzjoni għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali (2016)	Ħiliet diġitali	Il-livelli kollha ta' ħiliet	Żgħażagħ u adulti
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja (2018)	Tmien kompetenzi, inkluża l-kompetenza diġitali	Fokus fuq il-ħiliet bażiċi	Il-gruppi kollha ta' età

[1] L-għan huwa li l-adulti jingħataw l-opportunità li jilħqu l-ekwivalenti tal-Livell 3 jew 4 tal-QEK (livell ta' tluq mill-iskola sekondarja)

[2] Mhux eliġibbli għal appoġġ taħt il-Garanzija għaż-Żgħażagħ.

Sors: il-QEA.

2010 – 2015: l-ebda azzjoni mmirata speċifikament lejn il-ħiliet diġitali bażiċi tal-adulti

24 Wieħed mill-objettivi tal-qafas ET 2020 kien li jissaħħu l-kreattività u l-innovazzjoni fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Huwa rrefera għall-akkwiżizzjoni ta' ħiliet ġenerali, bħal kompetenza diġitali, miċ-ċittadini kollha. Ir-Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas ET 2020[21] iddikjara li jenħtieġ li l-qafas jappoġġa aħjar l-isfidi fuq terminu twil inkluża l-era diġitali.

25 L-Aġenda Diġitali għall-Ewropa[22] kellha l-għan primarju li tħaffef l-introduzzjoni tal-internet b'veloċità għolja u li l-unitajiet domestiċi u l-kumpaniji jkunu jistgħu jaħsdu l-benefiċċji tas-suq uniku diġitali. L-objettivi ġenerali tagħha kienu li: jiżdiedu l-utenti regolari tal-internet minn 60 % għal 75 % sal-2015 u minn 41 % għal 60 % għall-persuni żvantaġġati; u li jitnaqqas bin-nofs il-proporzjon tal-popolazzjoni li qatt ma kienet użat l-internet sal-2015 (għal 15 %). Iż-żewġ miri kienu ntlaħqu. L-Aġenda Diġitali għall-Ewropa rrikonoxxiet ukoll id-defiċit tal-litteriżmu diġitali u pproponiet il-litteriżmu u l-kompetenza diġitali bħala prijorità għar-Regolament dwar il-Fond Soċjali Ewropew (2014-2020), u biex sal-2012 jiġu żviluppati għodod biex jiġu identifikati u rikonoxxuti l-kompetenzi tal-prattikanti u l-utenti tal-ICT.

26 L-Aġenda għall-Ħiliet Ġodda u l-Impjiegi[23] kellha erba' prijoritajiet ta' politika ewlenin, inkluż waħda li tiffoka fuq it-tagħlim komprensiv tul il-ħajja. Hija kellha l-għan li, sal-2012, tipproponi approċċ mifrux mal-UE kollha u strumenti bħala appoġġ għall-Istati Membri fl-integrazzjoni tal-kompetenzi tal-ICT u l-litteriżmu diġitali f'politiki prinċipali għat-tagħlim tul il-ħajja. Ma saritx referenza speċifika għall-ħiliet diġitali bażiċi fl-azzjonijiet ewlenin tal-Aġenda.

---

[21] Il-Ġurnal Uffiċjali C417 tal-15.12.2015.

[22] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Aġenda Diġitali għall-Ewropa; COM(2010) 245 final.

[23] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjiegi: Kontribut Ewropew lejn livell massimu ta' impjiegi; COM(2010) 682 final.

Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li d-domandi tas-suq tax-xogħol kienu qed jiżdiedu u żiedet il-fokus fuq il-ħiliet diġitali bażiċi

27 B'segwitu għal eżerċizzju ta' rendikont tal-progress li sar bl-istrateġija Ewropa 2020[24], fl-2015 il-Kummissjoni ppubblikat l-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali[25]. Din l-istrateġija enfasizzat li r-responsabbiltà għall-kurrikuli hija primarjament tal-Istati Membri iżda li "l-Kummissjoni se tindirizza l-ħiliet diġitali u l-għarfien espert bħala komponent ewlieni tal-inizjattivi futuri tagħha fuq il-ħiliet u t-taħriġ". Hija rrikonoxxiet ukoll li minkejja titjib fis-sehem tal-popolazzjoni li għandha ħiliet diġitali bażiċi, kien għad fadal ħafna xi jsir biex jintlaħaq il-livell meħtieġ ta' popolazzjoni li għandha tali ħiliet (il-paragrafi ***01*** u ***14***).

28 Fl-2016, l-Inizjattiva dwar id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea[26] ddikjarat li l-ħiliet diġitali kienu ta' importanza kruċjali għall-kisba tas-suq uniku diġitali, iżda enfasizzat li kien hemm ukoll domanda dejjem akbar għal ħiliet komplementari oħra, bħal ħiliet intraprenditorjali, ta' tmexxija u ta' inġinerija. Waħda mill-azzjonijiet ewlenin tal-Inizjattiva dwar id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea biex jiġu żviluppati aktar dawn il-ħiliet kienet li tibni fuq il-Gran Koalizzjoni għall-Impjiegi Diġitali, inizjattiva preċedenti mnedija fl-2013.

29 B'segwitu għall-Inizjattiva dwar id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea, l-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet tal-2016[27] irrikonoxxiet il-ħtieġa li ċ-ċittadini kollha jkollhom mill-inqas ħiliet bażiċi, inklużi ħiliet diġitali, u stabbiliet azzjonijiet speċifiċi biex jiżdiedu l-ħiliet diġitali fl-Ewropa. L-azzjonijiet ewlenin tal-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet, li huma mmirati lejn il-ħiliet diġitali bażiċi, kienu l-inizjattiva tal-Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet u

---

[24] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Evalwazzjoni tal-istrateġija tal-Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv – COM(2014) 130 final.

[25] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa, COM(2015) 192 final.

[26] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea -Ingawdu l-benefiċċji kollha ta' Suq Uniku Diġitali COM(2016) 180 final.

[27] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa; COM(2016) 381 final u r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għal Ewropa Inklużiva u Kompetittiva.

l-Koalizzjoni għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni kompliet taħdem mal-partijiet ikkonċernati biex tiżviluppa għodod għall-valutazzjoni u l-validazzjoni tal-kompetenzi, sabiex tgħin lill-korpi pubbliċi u privati biex itejbu s-servizzi ta' gwida, ta' taħriġ u ta' mentoraġġ li joffru.

30 L-inizjattiva tal-Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet hija mmirata lejn adulti b'livell baxx ta' ħiliet u għandha l-għan li tgħinhom jiksbu livell minimu ta' litteriżmu, numeriżmu u ħiliet diġitali. Dan il-programm jista' jiġi appoġġat b'fondi tal-UE, inklużi l-FSE, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), u Erasmus+, għalkemm l-ebda fond ma ġie allokat speċifikament għall-ħiliet diġitali bażiċi. Rapport ta' implimentazzjoni ta' Frar 2019[28] sab li għadd ta' Stati Membri kienu pprijoritizzaw il-ħiliet diġitali u kienu qed jużaw il-FSE biex jappoġġaw il-miżuri. Madankollu, ir-rapport iddikjara wkoll li l-għadd ta' azzjonijiet ma kienx jaqbel mal-iskala tal-isfida billi l-miżuri kienu qed jindirizzaw biss ftit eluf ta' persuni, minn popolazzjoni fil-mira ta' adulti b'livell baxx ta' ħiliet ta' madwar 61 miljun. Barra minn hekk, minkejja enfasi dejjem akbar fuq il-ħiliet diġitali, l-azzjonijiet ikkofinanzjati mill-UE kellhom it-tendenza li jiffukaw aktar fuq il-ħiliet vokazzjonali u l-impjiegi, aktar milli fuq il-ħiliet diġitali, għalkemm tali ħiliet jistgħu jiġu integrati fit-taħriġ fil-ħiliet vokazzjonali. B'segwitu għal dan ir-rapport, il-Kunsill[29] esprima l-appoġġ kontinwu tiegħu għall-Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet, u stieden lill-Kummissjoni biex tappoġġa l-implimentazzjoni permezz ta' sejħiet għal proposti ddedikati.

31 Il-Koalizzjoni għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali (Koalizzjoni) tlaqqa' flimkien lill-Istati Membri, lill-kumpaniji, lis-sħab soċjali, lill-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u lill-fornituri tal-edukazzjoni biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet diġitali f'erba' oqsma: ħiliet diġitali għal kulħadd, ħiliet diġitali għall-forza tax-xogħol, ħiliet diġitali għall-professjonisti tal-ICT, u ħiliet diġitali fl-edukazzjoni. Minbarra l-objettiv li tappoġġa l-iżvilupp tal-istrateġiji nazzjonali komprensivi tal-Istati Membri għall-ħiliet diġitali sa nofs l-2017, il-Koalizzjoni kellha l-għanijiet li ġejjin li kellhom jintlaħqu sal-2020:

- jitħarrġu 1 000 000 żagħżugħ u żagħżugħa qiegħda għal impjiegi diġitali vakanti;

---

[28] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni: Council Recommendation on Upskilling Pathways: New Opportunities for Adults Taking stock of implementation measures, SWD(2019) 89 final.

[29] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet: Opportunitajiet Ġodda għall-Adulti (2019/C 189/04).

- jiġu appoġġati t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol u b'mod partikolari jittieħdu miżuri konkreti biex jappoġġaw l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs);

- jiġu modernizzati l-edukazzjoni u t-taħriġ biex l-istudenti u l-għalliema kollha jingħataw l-opportunità li jużaw għodod u materjali diġitali fit-tagħlim u fl-apprendiment tagħhom;

- jiġi orjentat mill-ġdid u jsir użu mill-finanzjament disponibbli biex jiġu appoġġati l-ħiliet diġitali u titwettaq sensibilizzazzjoni dwar l-importanza tal-ħiliet diġitali.

32 Skont il-Kummissjoni, sa Ġunju 2019 kważi l-Istati Membri kollha kellhom strateġija nazzjonali li tkopri l-ħiliet diġitali, u 25 Stat Membru kienu ħolqu koalizzjonijiet nazzjonali sa nofs l-2020. Fil-bidu tal-2021, il-Koalizzjoni kellha madwar 550 membru, li bejn Diċembru 2016 u Lulju 2018 offrew lil kważi 11-il miljun Ewropew tal-gruppi kollha ta' età (madwar nofshom kienu studenti tal-iskola primarja u sekondarja) l-opportunità biex itejbu l-ħiliet diġitali tagħhom[30]. Ħarsa ġenerali lejn il-progress li sar fl-istrateġiji nazzjonali u fl-attivitajiet tal-koalizzjonijiet nazzjonali għall-erba' gruppi fil-mira[31] tinsab fl-***Anness II***. Madankollu, ma hemm l-ebda ċifra dwar il-firxa ta' tali attivitajiet immirati lejn il-ħiliet diġitali bażiċi tal-adulti. Il-Kummissjoni timmonitorja l-wegħdiet li jkunu saru mill-membri tal-Koalizzjoni permezz ta' għodda ddedikata[32], iżda ma għandhiex sistema għall-monitoraġġ tal-objettivi speċifiċi tal-Koalizzjoni.

Monitoraġġ tal-ħiliet diġitali fi ħdan is-Semestru Ewropew

33 Il-Kummissjoni timmonitorja wkoll il-livell ta' ħiliet diġitali fl-Istati Membri tal-UE fi ħdan is-Semestru Ewropew. It-***Tabella 2*** turi li, mill-2017 'il hawn, ir-referenzi u r-rakkomandazzjonijiet relatati mal-ħiliet diġitali żdiedu b'mod ġenerali. Fl-2020, issemmew ħiliet għall-Istati Membri kollha, u disgħa minnhom irċevew rakkomandazzjonijiet relatati ma' ħiliet diġitali[33]; madankollu, l-ebda waħda mir-rakkomandazzjonijiet ma kienet speċifikament relatata ma' ħiliet diġitali bażiċi. Il-***Kaxxa 2*** tippreżenta r-rispons ta' Stat Membru wieħed għal rakkomandazzjoni reċenti tas-Semestru Ewropew.

---

[30] Ara s-Sit web tal-UE dwar id-DSJC.

[31] Ara l-iskedi informattivi dwar id-DSJCs nazzjonali (is-sitwazzjoni fit-30 ta' Ottubru 2020).

[32] Pledgeviewer tal-Koalizzjoni.

[33] L-Awstrija, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, l-Ungerija, il-Lussemburgu, il-Portugall u r-Renju Unit.

Tabella 2 – Għadd ta' Stati Membri li jirċievu Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tas-Semestru Ewropew

Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi	2017	2018	2019	2020
Stati Membri li għalihom issemmew il-ħiliet	27	27	28	28
Stati Membri li jirċievu rakkomandazzjonijiet għall-ħiliet	5	9	18	10
Stati Membri li jirċievu rakkomandazzjonijiet għall-ħiliet diġitali	0	3	6	9

Sors: il-QEA, ibbażat fuq pubblikazzjonijiet tal-UE li jirrigwardaw is-Semestru Ewropew.

Kaxxa 2

Ir-rispons tal-Finlandja għal rakkomandazzjoni tas-Semestru Ewropew

Il-Finlandja għandha punteġġi għoljin kemm fl-indikaturi tad-DESI kif ukoll f'dawk tal-OECD għall-ħiliet diġitali bażiċi. Hija ma għandhiex strateġija mmirata speċifikament lejn il-ħiliet diġitali bażiċi iżda għażlet li tadotta approċċ aktar olistiku.

Fl-2018, irriformat is-sistema tagħha għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), u ħolqot perkors komuni tal-VET, disponibbli kemm għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-adulti, irrispettivament mill-età u l-istorja tat-tagħlim preċedenti tagħhom. B'konsegwenza ta' rakkomandazzjoni tas-Semestru Ewropew tal-2019[34] biex "[itejjeb] il-ħiliet u l-inklużjoni soċjali [attiva], prinċipalment permezz ta' servizzi integrati tajjeb għall-persuni qiegħda u inattivi", il-gvern Finlandiż qed iħejji riforma tal-qafas tat-tagħlim kontinwu bl-objettiv li jkun hemm aktar ċittadini b'edukazzjoni fil-livell sekondarju u terzjarju.

[34] Ir-Rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Finlandja għall-2019 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Finlandja għall-2019, COM(2019) 526 final.

Erasmus+ u l-FSE kienu s-sorsi prinċipali ta' finanzjament għall-ħiliet diġitali

34 L-UE ma allokatx finanzjament speċifiku għall-inizjattivi deskritti fit-taqsima preċedenti, li ġew integrati fil-flussi ta' finanzjament eżistenti. Il-Kummissjoni ma tispeċifikax finanzjament delimitat speċifikament għall-ħiliet diġitali bażiċi, f'konformità mal-objettiv tagħha li tappoġġa s-sistemi tat-tagħlim u t-taħriġ, li jiffukaw fuq gruppi fil-mira u kompetenzi differenti, inklużi ħiliet diġitali flimkien ma', pereżempju, taħriġ relatat max-xogħol, kreattività u ħsieb kritiku. Skont il-Kummissjoni, il-multipliċità tal-objettivi tal-programmi tfisser li d-delimitazzjoni ta' ammonti speċifiċi ma tkunx flessibbli biżżejjed biex tippermetti li l-programmi jadattaw għall-ħtiġijiet lokali.

35 Aħna analizzajna l-finanzjament li ntuża għall-ħiliet diġitali bażiċi fil-kuntest tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-adulti. Is-sorsi prinċipali ta' finanzjament huma l-programm Erasmus+ (immaniġġjat fil-livell tal-UE mill-Kummissjoni u mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura); u l-FSE taħt ġestjoni kondiviża. Għall-programm COSME, il-***Kaxxa 3*** tipprovdi aktar dettalji.

Kaxxa 3

COSME – programm għall-SMEs

COSME huwa l-programm tal-UE mmaniġġjat direttament għall-SMEs, b'baġit ta' EUR 2.3 biljun għall-perjodu 2014-2020. L-SMEs huma parti ewlenija mill-ekonomiji tal-UE: 9 minn kull 10 intrapriżi hija SME, u l-SMEs jiġġeneraw 2 minn kull 3 impjiegi fl-Ewropa. COSME ma għandu l-ebda proġett li jiffoka speċifikament fuq il-ħiliet diġitali bażiċi; il-proġetti tiegħu għandhom it-tendenza li jimmiraw lejn il-ħiliet diġitali għall-professjonisti speċjalizzati fl-ICT.

36 ***Erasmus+*** jappoġġa l-azzjonijiet fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport, b'baġit totali ta' EUR 16.45 biljun għall-perjodu 2014-2020. Huwa jipprovdi opportunitajiet ta' mobbiltà għat-tagħlim għall-istudenti, l-ħarrieġa u l-għalliema, u għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni u jrawwem l-innovazzjoni, permezz tal-kooperazzjoni u l-appoġġ għar-riforma tal-politika. Mill-baġit tiegħu, 17 % ġie allokat għall-VET, u 3.9 % għat-tagħlim għall-adulti[35]. Il-leġiżlazzjoni dwar Erasmus+ ma ssemmix speċifikament il-ħiliet diġitali iżda tistabbilixxi l-ħtieġa li jittejjeb il-livell

[35] Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport; l-Artikolu 18.

tal-kompetenzi u tal-ħiliet ewlenin "*b'rigward partikolari għar-relevanza tagħhom għas-suq tax-xogħol u l-kontribuzzjoni tagħhom għal soċjetà koeżiva, b'mod partikolari permezz ta' żieda fl-opportunitajiet ta' mobbiltà ta' tagħlim u permezz tal-kooperazzjoni msaħħa bejn id-dinja tal-edukazzjoni u t-taħriġ u d-dinja tax-xogħol*"[36]. Fil-programmi ta' ħidma annwali kollha tal-aħħar seba' snin kien hemm referenza għall-ħiliet diġitali.

37 Madankollu, ir-rapporti annwali ta' implimentazzjoni u r-rapport ta' nofs it-terminu ma jsemmux speċifikament il-ħiliet diġitali (kemm dawk bażiċi kif ukoll dawk avvanzati) billi ma hemm l-ebda indikatur speċifiku tal-output/tar-riżultati għall-ħiliet diġitali. L-eqreb indikatur għall-evalwazzjoni tal-programm dwar il-ħiliet diġitali huwa "*l-perċentwali ta' parteċipanti li jiddikjaraw li jkunu żiedu l-kompetenzi ewlenin tagħhom*"[37]; din hija miżura suġġettiva, billi dan huwa "*fil-biċċa l-kbira bbażat fuq il-perċezzjonijiet irrappurtati mill-parteċipanti nfushom*"[38] permezz ta' intervisti u stħarriġiet. Skont l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ta' Erasmus+, 89 % tal-istudenti kollha tal-VET kienu jemmnu li kienu tejbu l-ħiliet professjonali tagħhom[39].

38 Sa tmiem l-2019, fi ħdan Erasmus+ kien hemm madwar 16 000 proġett relatati mal-"ICT – teknoloġiji ġodda – kompetenzi diġitali", inkluż madwar 4 300 għat-tagħlim għall-adulti u l-VET[40]. Il-maġġoranza ta' dawn il-proġetti jikkontribwixxu għall-akkwist ta' ħafna ħiliet differenti inklużi ħiliet diġitali bażiċi għall-gruppi kollha ta' età. Pereżempju, proġett dwar teknoloġiji ġodda fit-tagħlim tal-lingwi barranin ma jindirizzax il-problema tal-livell baxx ta' ħiliet diġitali iżda jintroduċi metodi diġitali fit-tagħlim. L-analiżi tagħna wriet li 133 minn dawn il-proġetti kienu jikkonċernaw biss ħiliet diġitali; u 18-il proġett biss kienu limitati għall-akkwiżizzjoni ta' ħiliet diġitali bażiċi għall-adulti. Proġetti oħra kienu jinvolvu, pereżempju, l-akkwiżizzjoni ta' ħiliet speċjalizzati tal-ICT jew metodi ġodda ta' edukazzjoni bħal pjattaformi ta' tagħlim online. Dan ifisser li għall-proġetti ta' Erasmus+ li jappoġġaw biss il-kompetenzi diġitali, madwar 14 % jindirizzaw l-akkwiżizzjoni ta' ħiliet diġitali bażiċi mill-popolazzjoni adulta. Għall-proġetti kollha appoġġati minn Erasmus+, il-proporzjon huwa inqas minn 0.1 %.

---

[36] Ir-Regolament Nru 1288/2013, l-Artikolu 5(1)(a).

[37] L-Anness I tar-Regolament Nru 1288/2013, "Indikaturi għall-evalwazzjoni tal-programm".

[38] Ir-Rapport Speċjali Nru 22/2018, Mobbiltà taħt Erasmus+: Miljuni ta' parteċipanti u Valur Miżjud Ewropew multidimensjonali, madankollu jeħtieġ li jsir aktar titjib fil-kejl tal-prestazzjoni, il-paragrafu 74.

[39] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni: Mid-term evaluation of the Erasmus+ programme (2014-2020), SWD(2018) 40 final, p. 138, "Overview of results".

[40] Is-sit web tal-Kummissjoni tal-UE dwar ir-riżultati tal-proġetti Erasmus+.

Il-***Kaxxa 4*** tipprovdi eżempji ta' żewġ modi differenti ta' appoġġ għall-ħiliet diġitali bażiċi.

Kaxxa 4

Proġetti Erasmus+ għat-titjib tal-ħiliet diġitali bażiċi

Il-proġett TICTac+55[41]

Il-proġett dwar it-Tekniki ta' Tagħlim Kombinat għall-Persuni 55+ jinkludi taħriġ għall-għalliema li jixtiequ jinkoraġġixxu u jawtonomizzaw kemm jista' jkun lill-istudenti tagħhom li huma akbar fl-età sabiex ikunu jistgħu jindirizzaw l-isfidi tal-ICT. Huwa jagħmel dan billi jrawwem l-użu tal-ICT, iżda b'mod kritiku, u filwaqt li jieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjonijiet tal-ħajja u l-ħtiġijiet tal-istudenti. Sabiex jinkisbu dawn l-objettivi, ġew ippjanati programmi ta' skambju tal-għalliema għal għadd ta' pajjiżi fi ħdan l-UE (il-Finlandja, in-Netherlands, is-Slovakkja, l-Ungerija, ir-Renju Unit u l-Estonja). Is-suġġetti jinkludu: Apparati għal Ħiliet tal-Ħajja ta' Kuljum, taħriġ fl-innovazzjoni u l-kreattività appoġġat mill-ICT, u l-implimentazzjoni ta' applikazzjonijiet ibbażati fuq il-web biex jittejbu l-korsijiet tal-lingwa.

IDEAL -Integrazzjoni tal-Edukazzjoni Diġitali fil-Litteriżmu fost l-Adulti[42]

Il-proġett IDEAL huwa sħubija strateġika bejn il-Finlandja, il-Belġju, l-Irlanda, l-Italja, in-Netherlands u n-Norveġja, u jinvolvi ħames fornituri tal-edukazzjoni għall-adulti u organizzazzjoni mhux governattiva. Il-proġett iffoka fuq it-titjib fil-ħiliet diġitali tal-edukaturi għall-adulti li jaħdmu ma' gruppi żvantaġġati bil-ħsieb li jittejbu l-impjegabbiltà, it-tagħlim vokazzjonali u t-tagħlim komunitarju ta' studenti adulti b'livell baxx ta' ħiliet.

It-tim tal-proġett IDEAL esplora liema tip ta' ħiliet huma meħtieġa f'kuntesti differenti u kif il-kompetenzi tal-għalliema jistgħu jiġu żviluppati billi jiġu kondiviżi l-għarfien, l-esperjenzi u l-prattiki tajba. B'riżultat tal-proġett, l-għalliema u l-ħarrieġa żiedu l-ħiliet tagħhom u saru aktar kunfidenti fl-integrazzjoni ta' metodi diġitali innovattivi fit-tagħlim tagħhom ta' kuljum, inkluż l-applikazzjoni multimedjali, l-użu tal-vidjo, l-ambjenti ta' tagħlim virtwali, il-midja soċjali u l-logħob.

---

[41] Is-sit web tal-proġett Erasmus+: TICTac+55 - Combined Learning Techniques for People 55+.

[42] Is-sit web tal-proġett Erasmus+ IDEAL -Integrating Digital Education in Adult Literacy.

39 Il-***FSE*** jappoġġa azzjonijiet relatati ma' firxa ta' objettivi, inklużi l-impjiegi kif ukoll l-edukazzjoni u t-taħriġ aħjar. Il-leġiżlazzjoni għall-perjodu 2014-2020 issemmi l-ħiliet diġitali[43] bħala qasam fejn il-FSE jista' jikkontribwixxi permezz tal-prijoritajiet ta' investiment tiegħu, inklużi dawk relatati mat-tagħlim tul il-ħajja u l-VET. Il-***Figura 10*** turi li dawn il-prijoritajiet jirrappreżentaw ir-raba' u l-ħames l-akbar allokazzjonijiet fi ħdan il-FSE, li jammontaw għal EUR 14.6 biljun.

Figura 10 – Allokazzjonijiet ippjanati taħt il-FSE għall-oqsma differenti ta' intervent



Sors: kalkoli tal-QEA bbażati fuq il-Pjattaforma tad-*Data* Miftuħa dwar il-FSIE.

40 F'fondi taħt ġestjoni kondiviża, bħall-FSE, l-Istati Membri għandhom diskrezzjoni dwar il-mod kif jallokaw il-fondi fi ħdan il-qafas tal-Ftehimiet ta' Sħubija u tal-programmi operazzjonali (programmi). Għat-tħejjija ta' dawn id-dokumenti, il-Kummissjoni indikat permezz tad-Dokumenti ta' Pożizzjoni 2012 tagħha li jenħtieġ li għadd ta' pajjiżi jqisu li jipprijoritizzaw il-ħiliet diġitali – it-***Tabella 3***.

[43] L-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament Nru 1304/2013.

Tabella 3 – Prijoritajiet tal-ħiliet diġitali fid-Dokumenti ta' Pożizzjoni 2012 tal-Kummissjoni

Objettivi tematiċi li taħthom jissemmew il-ħiliet diġitali	Stati Membri
It-titjib tal-aċċess għal, u l-użu u l-kwalità tal-ICT	BG, CZ, EE, ES, HR, IT, LV, PT
Il-promozzjoni tal-impjiegi sostenibbli u ta' kwalità u s-sostenn tal-mobbiltà tax-xogħol	AT, DE
L-investiment fl-edukazzjoni, it-taħriġ u t-taħriġ vokazzjonali għall-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja	HU, RO, SE, SI
L-ebda referenza għall-ħiliet/kompetenzi diġitali	BE, CY, DK, EL, FR, FI, IE, LT; LU, MT, NL, PL, SK, UK

Sors: il-QEA, ibbażat fuq id-Dokumenti ta' Pożizzjoni 2012 tal-Kummissjoni.

41 Mill-analiżi li wettaqna fir-rigward tal-allokazzjonijiet tal-Istati Membri, sibna li minn 187 programm tal-FSE fi 28 Stat Membru, 29 programm f'10 Stati Membri kienu ppjanaw taħriġ relatat mal-ICT fit-tagħlim għall-adulti jew fil-VET (it-***Tabella 4***). L-ammont totali tal-allokazzjoni ppjanata għat-28 Stat Membru taħt l-objettiv tematiku tal-FSE rigward l-edukazzjoni u t-taħriġ huwa inqas minn 0.6 % tal-allokazzjoni sħiħa tal-FSE għall-perjodu 2014-2020.

Tabella 4 – Programmi tal-FSE li jappoġġaw it-taħriġ fil-ħiliet diġitali għall-adulti fl-Istati Membri

Stat Membru	Ammont ippjanat għat-taħriġ relatat mal-ICT għall-adulti (miljun EUR)	Appoġġ tal-UE allokat għal operazzjonijiet magħżula mill-awtorità maniġerjali (miljun EUR)	Total tal-infiq iddikjarat mill-benefiċjarji lill-awtorità maniġerjali, irrappurtat lill-Kummissjoni (miljun EUR)
Il-Polonja	154.7	201.3	148.4
Is-Slovakkja	132.5	5.8	3.7
L-Italja	58.7	26.5	31.5
L-Estonja	55.5	30.7	18.1
L-Ungerija	51.6	134.8	41.6
Il-Finlandja	16.9	5.9	7.5
Spanja*	5.0	25.2	13.7
Il-Lussemburgu	0.3	1.2	0.8
Franza	mhux indikat fil-programmi	1.5	3.0
Ir-Renju Unit	mhux indikat fil-programmi	5.5	4.6
Total	**475.3***	**438.4**	**272.8**

Noti: Id-*data* kollha fil-31 ta' Diċembru 2019. L-ammont tat-"Total" ma jinkludix informazzjoni għall-"Ammont ippjanat" għal Franza u r-Renju Unit, iżda jinkludi dawn iż-żewġ pajjiżi għall-"Ammonti allokati".

*Għall-programm Spanjol, 2014ES05SFOP016 – Extremadura, ma hemm l-ebda informazzjoni disponibbli għall-2019, u għalhekk fl-ammont totali hija inkluża biss id-*data* aggregata sal-2018.

Sors: il-Pjattaforma tad-*data* miftuħa dwar il-FSIE.

42 It-***Tabella 4***, ibbażata fuq ir-rappurtar annwali tal-Istati Membri lill-Kummissjoni, turi li sa tmiem l-2019, l-10 Stati Membri li ppjanaw li jużaw il-FSE għall-ħiliet diġitali taħt l-objettiv tematiku tal-edukazzjoni u t-taħriġ flimkien kienu impenjaw 92 % tal-finanzjament għall-proġetti, u kienu nefqu 57 % (ara d-dettalji fl-***Anness III***). Hemm differenzi konsiderevoli bejn Stat Membru għal ieħor: xi programmi kienu għadhom ma ġarrbu l-ebda spiża, filwaqt li oħrajn kienu diġà għażlu proġetti biex jiġu appoġġati bi spiża sinifikattivament akbar minn dik li kienet ippjanata. B'kollox, dawn l-Istati Membri kienu allokaw EUR 439 miljun mill-fondi tal-FSE biex jappoġġaw l-akkwiżizzjoni

ta' ħiliet diġitali permezz tat-tagħlim tul il-ħajja u l-VET, li huma ekwivalenti għal 0.5 % tal-allokazzjoni totali tal-FSE għall-perjodu 2014-2020. Il-FSE jista' jikkontribwixxi għall-akkwiżizzjoni ta' ħiliet diġitali permezz ta' objettivi tematiċi oħra, bħal dawk relatati mal-impjiegi, l-inklużjoni soċjali jew il-bini tal-kapaċità istituzzjonali, filwaqt li jżid l-appoġġ totali għal madwar 2 % tal-allokazzjoni totali tal-FSE.

L-impatt tal-miżuri ta' salvataġġ li ttieħdu mill-Kummissjoni għall-COVID-19 fuq il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 (Erasmus, programmi operazzjonali tal-FSE) relatat mal-ħiliet diġitali

43 B'rispons għall-kriżi tal-COVID-19, ir-Regolamenti dwar l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII) u s-CRII Plus jippermettu lill-Istati Membri flessibbiltà biex jużaw riżorsi eżistenti li ma ntefqux u jorjentawhom mill-ġdid lejn oqsma fejn huma l-aktar meħtieġa. Fi tmiem Novembru 2020, 22 Stat Membru (u r-Renju Unit) kienu talbu 151 emenda għall-programmi tal-FSE tagħhom billi użaw il-flessibbiltajiet offruti mis-CRII u s-CRII Plus. F'xi każijiet dan kien jinvolvi t-trasferiment ta' fondi lil hinn minn proġetti relatati mal-ħiliet diġitali.

44 Il-pakkett propost ta' Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa (REACT-EU)[44] jinkludi EUR 47.5 biljun ta' fondi addizzjonali li se jkunu disponibbli għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 għall-fondi taħt il-politika ta' Koeżjoni, inkluż il-FSE. Għall-FSE, l-azzjonijiet iffinanzjati minn REACT-EU jistgħu jinkludu l-ħiliet diġitali.

45 Taħt Erasmus+ ġew ippubblikati wkoll sejħiet straordinarji biex tiġi appoġġata t-tħejjija għall-edukazzjoni diġitali, u ġew allokati EUR 100 miljun għall-appoġġ ta' proġetti fl-edukazzjoni skolastika, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u l-edukazzjoni għolja. Id-data ta' skadenza għall-applikazzjoni għal dawn is-sejħiet kienet id-29 ta' Ottubru 2020, u r-riżultati ma kinux disponibbli meta dan ir-rapport analitiku ġie ffinalizzat. Madankollu, billi s-sejħiet ma kinux immirati lejn l-edukazzjoni

[44] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' riżorsi addizzjonali eċċezzjonali u arranġamenti implimentattivi taħt il-mira tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi biex jipprovdi assistenza għat-trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u t-tħejjija ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija (REACT-EU), COM(2020) 451 final.

għall-adulti, skont il-Kummissjoni x'aktarx li mhux se jkun hemm xi proġetti li jappoġġaw il-ħiliet diġitali bażiċi tal-adulti.

Il-proposti tal-UE għall-futur (2021-2027)

Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa

46 L-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa[45] tistabbilixxi objettivi kwantifikabbli kemm għat-titjib tal-ħiliet (titjib tal-ħiliet eżistenti) kif ukoll għat-taħriġ mill-ġdid (taħriġ f'ħiliet ġodda) li għandhom jintlaħqu fil-ħames snin li ġejjin. Din hija l-ewwel proposta li tinkludi mira speċifika biex jiżdied is-sehem ta' ċittadini li jkollhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi: minn 56 % fl-2019 għal 70 % fl-2025. L-Aġenda ma tinkludix stadji importanti għall-ilħuq ta' dan l-objettiv.

47 Biex jintlaħqu l-objettivi tal-Aġenda, il-Kummissjoni tistma li huma meħtieġa EUR 48 biljun kull sena kemm mis-settur pubbliku kif ukoll minn dak privat flimkien. L-Aġenda ssemmi disa' fondi tal-UE bħala sorsi possibbli ta' finanzjament għall-perjodu 2021-2027. Il-fondi prinċipali huma l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza b'baġit totali propost ta' EUR 673.3 biljun, il-FSE+ b'baġit propost ta' EUR 87.9 biljun, u Erasmus b'baġit propost ta' EUR 23.4 biljun.

Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

48 Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza se tagħmel disponibbli EUR 673.3 biljun f'self u għotjiet biex jappoġġaw ir-riformi u l-investimenti mwettqa mill-Istati Membri. Dan jirrikjedi li l-Istati Membri jħejju pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza li jistabbilixxu pakkett koerenti ta' riformi u ta' proġetti ta' investiment pubbliku. Jenħtieġ li dawn il-pjanijiet jindirizzaw l-isfidi identifikati fis-Semestru Ewropew, b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi adottati mill-Kunsill, li jinkludu l-ħiliet diġitali (il-paragrafu ***33*** u t-***Tabella 2***). F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex fil-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludu investimenti u riformi li jiffukaw fuq il-ħiliet diġitali u fuq it-taħriġ edukattiv u

[45] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza, COM(2020) 274 final.

vokazzjonali għall-etajiet kollha bil-ħsieb li tilħaq il-mira tagħha ta' 70 % sal-2025 (il-paragrafu *46*)[46].

49 Il-pożizzjoni tal-Kunsill[47] hija li jenħtieġ li mill-inqas 20 % (EUR 144.8 biljun) jintefqu fuq it-"tranżizzjoni diġitali", li tinkludi ħiliet diġitali fil-livelli kollha. F'dan il-kuntest, il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2020[48] jirreferu speċifikament għat-titjib tal-ħiliet diġitali fis-sistemi edukattivi.

Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)

50 L-objettivi tal-FSE+[49] jinkludu l-ħiliet diġitali – għalkemm mhux neċessarjament il-ħiliet diġitali bażiċi. Huwa għandu wkoll l-għan li jikkontribwixxi għal aspetti rilevanti ta' inizjattivi u attivitajiet ewlenin oħra tal-UE, b'mod partikolari l-"Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa" u l-Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet. Il-baġit ippjanat tiegħu għall-perjodu 2021-2027 jammonta għal EUR 87.9 biljun, iżda ma hemm l-ebda allokazzjoni speċifika għall-"ħiliet diġitali".

51 Fir-Rapporti tal-Pajjiżi tas-Semestru Ewropew għall-2019[50], il-Kummissjoni ppreżentat fehmiet preliminari dwar l-oqsma ta' investiment prijoritarji u l-kundizzjonijiet ta' qafas għat-twettiq effettiv tal-Politika ta' Koeżjoni 2021-2027. Dan ipprovda l-bażi għal djalogu bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar il-programmazzjoni tal-fondi taħt il-politika ta' Koeżjoni (inkluż il-FSE+). Il-Kummissjoni qieset li jenħtieġ li 23 minn 27 Stat Membru jindirizzaw il-ħiliet diġitali fil-programmi tagħhom.

---

[46] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment: L-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli tal-2021, COM(2020) 575 final.

[47] Ara n-Nota 11 538/20 tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2020.

[48] Ara n-Nota EUCO 13/20 tat-2 ta' Ottubru 2020.

[49] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), COM(2018) 382 final.

[50] 2019: European Semester: Country Reports, l-Anness D.

Programm Erasmus ġdid għall-perjodu 2021-2027

52 Il-Kummissjoni pproponiet programm Erasmus ġdid għall-perjodu 2021-2027[51], li jkopri kemm il-ħiliet diġitali bażiċi kif ukoll dawk avvanzati u li b'mod essenzjali jkompli l-programm mill-perjodu preċedenti. Il-programm il-ġdid se jappoġġa wkoll il-VET, il-litteriżmu diġitali u l-edukazzjoni għall-adulti, u l-ħiliet diġitali jissemmew b'mod speċifiku – għalkemm b'enfasi speċjali fuq il-ħiliet diġitali avvanzati.

Pjan ta' Azzjoni dwar l-Edukazzjoni Diġitali

53 F'Settembru 2020, il-Kummissjoni pproponiet Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027[52]. Il-Pjan ta' Azzjoni jiddikjara fost il-prinċipji gwida tiegħu li l-litteriżmu diġitali huwa essenzjali għall-ħajja, u li jenħtieġ li l-ħiliet diġitali bażiċi jsiru parti mill-ħiliet trasferibbli ewlenin li kulħadd huwa mistenni li jkollu. F'konformità ma' dawn il-prinċipji gwida, huwa jipproponi firxa ta' azzjonijiet, bħall-użu tal-programm Erasmus biex jiġu appoġġati l-pjanijiet ta' trasformazzjoni diġitali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u l-iżvilupp ta' Ċertifikat Ewropew tal-Ħiliet Diġitali rikonoxxut u aċċettat mill-gvernijiet, mill-impjegaturi u minn partijiet ikkonċernati oħra fl-Ewropa, kif ukoll jipproponi rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-titjib fil-provvediment ta' ħiliet diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ.

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għat-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ

54 Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ tal-UE tikkostitwixxi impenn mill-Istati Membri kollha biex jiġi żgurat li ż-żgħażagħ kollha taħt l-età ta' 25 sena jirċievu offerta ta' impjieg ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew taħriġ fi żmien erba' xhur minn meta jsiru qiegħda jew minn meta jtemmu l-edukazzjoni formali. F'Novembru 2020, il-Kunsill saħħaħ ir-rakkomandazzjoni tiegħu mill-2013 billi, fost l-oħrajn, żied il-grupp ta' età biex jinkludi ż-żgħażagħ kollha taħt it-30 sena. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw DigComp (il-paragrafu ***09***) biex jivvalutaw il-ħiliet diġitali taż-żgħażagħ kollha barra mill-impjieg, edukazzjoni jew taħriġ li jirreġistraw

---

[51] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi "Erasmus": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013, COM(2018) 367 final.

[52] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Pjan ta' Azzjoni dwar l-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027 – Tfassil mill-ġdid tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-era diġitali; COM(2020) 624 final.

fil-Garanzija għaż-Żgħażagħ sabiex iż-żgħażagħ kollha li jeħtieġu taħriġ iddedikat jiġu offruti tali taħriġ biex itejbu l-ħiliet diġitali tagħhom[53].

Aġġornament tal-indikatur tal-ħiliet diġitali

55 Il-Kummissjoni se tintroduċi metodoloġija riveduta għall-indikatur tal-ħiliet diġitali. L-indikatur se jiġi adattat billi jiżdied il-ħames qasam ta' kompetenza, "Sikurezza", mal-erba' oqsma eżistenti tal-ambjent attwali tal-ICT. B'din ir-reviżjoni, l-indikatur kompost tal-ħiliet diġitali stabbilit mill-Eurostat se jiġi allinjat mal-aġġornament tal-2018 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-qafas ta' kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja u, mill-2021, l-indikatur se jirrifletti aħjar ukoll il-Qafas ta' Kompetenza Diġitali.

[53] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ (2020/C 372/01).

Kummenti finali

Punti prinċipali tar-rapport analitiku

56 Il-ħiliet diġitali bażiċi għall-forza tax-xogħol qed isiru dejjem aktar importanti, u diġà huma spiss meħtieġa f'ħafna okkupazzjonijiet. Adulti li ma għandhomx dawn il-ħiliet bażiċi se jiffaċċjaw problemi kemm fuq il-post tax-xogħol kif ukoll fil-ħajja privata tagħhom. Din hija problema li jiffaċċjaw b'mod partikolari l-adulti akbar fl-età, b'livell aktar baxx ta' edukazzjoni u li huma qiegħda (il-paragrafi ***12***-***17***, il-***Figura 4*** u l-***Figura 7***).

57 Għalkemm l-Istati Membri għandhom responsabbiltà primarja għall-iżvilupp tal-ħiliet, l-UE ilha li rrikonoxxiet l-isfida, u ħadet għadd ta' passi biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-indirizzar tal-livell insuffiċjenti ta' ħiliet diġitali bażiċi. Hija għamlet dan permezz ta' linji gwida u rakkomandazzjonijiet, u billi pprovdiet appoġġ lin-networks ta' kooperazzjoni. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ddefiniet Qafas ta' Kompetenza Diġitali rikonoxxut internazzjonalment, appoġġat l-iżvilupp ta' strateġiji nazzjonali dwar il-ħiliet diġitali u assistiet fil-ħolqien ta' Koalizzjonijiet nazzjonali għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali fi kważi l-Istati Membri kollha tal-UE. Madankollu, skont l-indikaturi użati mill-Kummissjoni, minkejja żieda kostanti fil-firxa u fil-volum tal-azzjonijiet li ttieħdu mill-UE f'dawn l-aħħar ħames snin, il-livelli ta' ħiliet diġitali bażiċi fi ħdan l-Istati Membri ma ttejbux b'mod sinifikanti (il-paragrafi ***05***, ***06***, ***09***, ***14***, il-***Figura 4*** u l-***Figura 6***).

58 Hemm varjazzjoni konsiderevoli fil-livelli ta' ħiliet fi ħdan u fost l-Istati Membri. Il-livelli ta' ħiliet tal-Istati Membri huma konformi ma' dawk ta' pajjiżi barra mill-UE li għalihom teżisti *data* komparabbli: l-Istati Membri bl-aħjar prestazzjoni huma fost il-grupp ewlieni ta' pajjiżi madwar id-dinja, iżda l-Istati Membri fit-tarf l-ieħor tal-iskala mhumiex aħjar mill-pajjiżi terzi bl-agħar prestazzjoni. Għal dan il-grupp ta' Stati Membri, is-sitwazzjoni marret għall-agħar b'mod gradwali matul il-perjodu mill-2015 sal-2018, li jindika li d-distakk diġitali mhuwiex biss problema fost is-soċjetajiet fi ħdan Stat Membru, iżda wkoll bejn il-pajjiżi bi prestazzjoni għolja u dawk bi prestazzjoni baxxa f'dan ir-rigward (il-paragrafi ***18***-***21***, il-***Figura 8*** u l-***Figura 9***).

59 Mill-2010 'l hawn, l-UE stabbiliet għadd ta' inizjattivi differenti li jindirizzaw il-ħiliet diġitali – spiss bħala parti minn miżuri usa". Is-suġġett huwa wieħed wiesa', li jinvolvi ħafna partijiet ikkonċernati f'ħafna livelli, bħal parti kbira mill-popolazzjoni, saffi differenti tal-gvern, l-edukazzjoni u l-industrija. Ir-riżultat huwa firxa ta' azzjonijiet

fil-livell tal-UE, li joperaw b'mod parallel u huma parzjalment interkonnessi (il-paragrafu ***23*** u t-***Tabella 1***).

60 Għalkemm l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa pproponiet il-litteriżmu u l-kompetenza diġitali bħala prijorità għall-FSE matul il-perjodu 2014-2020, il-proġetti li jiffukaw speċifikament fuq it-taħriġ relatat mal-ICT fl-Istati Membri rrappreżentaw madwar 2 % tal-finanzjament mill-FSE. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-azzjonijiet immirati speċifikament lejn it-titjib tal-ħiliet tal-adulti ma kinux suffiċjenti. Bl-istess mod, il-finanzjament tal-proġetti fi ħdan Erasmus+ li jindirizzaw il-ħiliet diġitali bażiċi tal-adulti kien jirrifletti biss perċentwal żgħir tal-finanzjament kumplessiv (il-paragrafi ***25***, ***30***, u ***34***-***41***).

61 Għall-perjodu wara l-2020, l-UE issa stabbiliet mira ċara, li jenħtieġ li l-perċentwal ta' ċittadini b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi jilħaq 70 % sal-2025 meta mqabbel ma' linja bażi ta' 56 % fl-2019. Skont il-Kummissjoni, dan se jirrikjedi investiment annwali ta' EUR 48 biljun, li jrid jiġi minn sorsi privati, kif ukoll minn sorsi pubbliċi nazzjonali u internazzjonali. Fid-dawl ta' dan l-objettiv, l-UE stabbiliet għadd ta' inizjattivi u allokat fondi tal-UE mmirati lejn il-ħiliet diġitali bażiċi għall-adulti (il-paragrafi ***46***-***55***).

Sfidi għall-futur

62 Sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss tal-UE, aħna identifikajna xi sfidi ewlenin:

63 Finanzjament adegwat biex jiżdiedu l-ħiliet diġitali huwa parti importanti mill-ekwazzjoni. L-objettivi ta' politika x'aktarx li jintlaħqu jekk jiġu identifikati s-sorsi u l-ammonti ta' finanzjament, anki jekk b'mod indikattiv biss. Filwaqt li l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa issemmi l-fondi differenti tal-UE li jistgħu jappoġġaw l-implimentazzjoni, hija ma tispeċifikax l-ammonti involuti.

64 L-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa ma ddefinietx stadji importanti għall-ilħuq tal-objettiv ġenerali, u lanqas, pereżempju, livell minimu li għandu jintlaħaq mill-pajjiżi kollha. Tali miri u stadji importanti speċifiċi jkunu jgħinu pereżempju fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-politika bil-ħsieb li jitnaqqas id-distakk diġitali bejn il-pajjiżi bi prestazzjoni għolja u dawk bi prestazzjoni baxxa.

65 F'termini ta' monitoraġġ, l-indikatur kompost tal-Eurostat huwa għodda utli għall-valutazzjoni tal-livell ta' ħiliet diġitali taċ-ċittadini tal-UE u se jservi wkoll biex jiġi mmonitorjat il-progress fl-ilħuq tal-mira ta' 70 % għal persuni b'mill-inqas ħiliet diġitali

bażiċi sal-2025. L-aġġornament tal-indikatur u l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu biex mill-2021 jiġi inkluż element ta' "sikurezza" jallinjaw b'mod utli l-indikatur mal-qafas ta' DigComp iżda se jbiddlu l-valuri tiegħu. Il-Kummissjoni qed tieħu miżuri biex tnaqqas dan l-impatt, iżda t-tibdil fil-kalkolu tal-indikatur xorta jista' jaffettwa l-ilħuq tal-mira tal-2025.

66 F'termini ta' monitoraġġ, kien diffiċli għall-Kummissjoni li tidentifika proġetti ffinanzjati mill-UE mfassla biex jikkontribwixxu għat-titjib tal-ħiliet diġitali tal-adulti għal mill-inqas il-livell bażiku matul il-perjodu 2014-2020, u biex tivvaluta kemm dawn setgħu kkontribwew għal dan l-objettiv. Għall-perjodu 2021-2027, il-possibbiltà li tali proġetti jiġu mmonitorjati tkun tgħin lill-UE tiġġudika jekk l-azzjonijiet kinux irnexxew jew le.

Dan ir-Rapport Analitiku ġie adottat mill-Awla II, immexxija mis-Sinjura Iliana Ivanova, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fl-20 ta' Jannar 2021.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Klaus-Heiner Lehne
Il-President

Glossarju, akronimi u abbrevjazzjonijiet

Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa (REACT EU): Strument li jipprovdi finanzjament addizzjonali għall-kontinwazzjoni u l-estensjoni tal-inizjattivi ta' investiment fir-rispons għall-coronavirus (CRII u CRII+).

Cedefop: Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali

COSME: Programm tal-UE għall-kompetittività tal-intrapriżi żgħar u medji

COVID-19: Marda tal-Coronavirus

DESI: Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali

DĠ CNECT: Id-Direttorat Ġenerali għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija

DĠ EAC: Id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Kultura

DĠ EMPL: Id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni

DĠ ESTAT: Id-Direttorat Ġenerali Eurostat (Statistika Ewropea)

DĠ GROW: Id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs

DigComp: Qafas Ewropew ta' Kompetenza Diġitali għaċ-Ċittadini

Dokumenti ta' pożizzjoni: Dokument li jistabbilixxi l-qafas għal djalogu bejn il-Kummissjoni u Stat Membru dwar it-tħejjija tal-ftehim ta' sħubija u tal-programmi operazzjonali.

DSI: Indikatur tal-Ħiliet Diġitali

DSJC: Koalizzjoni għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali

Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali: Edukazzjoni u taħriġ biex il-persuni jiġu mgħammra bl-għarfien u bil-ħiliet meħtieġa għas-suq tax-xogħol.

Erasmus+: Programm tal-UE li jappoġġa l-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport fl-Ewropa, prinċipalment billi jagħti lill-istudenti universitarji l-opportunità li jistudjaw u jiksbu esperjenza barra minn pajjiżhom.

EUROSAI: L-Organizzazzjoni Ewropea tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar – waħda mill-gruppi reġjonali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (INTOSAI), li tinkludi s-SAIs tad-49 stat Ewropew u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: Fond tal-UE biex jiġi mmitigat l-impatt ekonomiku u soċjali tal-COVID-19, u biex l-ekonomiji u s-soċjetajiet tal-Istati Membri jsiru aktar sostenibbli, reżiljenti u mħejjija aħjar għat-tranżazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR): Fond tal-UE li jsaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali fl-UE billi jiffinanzja investimenti li jnaqqsu l-iżbilanċi bejn ir-reġjuni.

Fond Soċjali Ewropew (FSE): Fond tal-UE għall-ħolqien ta' opportunitajiet edukattivi u ta' xogħol kif ukoll għat-titjib tas-sitwazzjoni ta' persuni li jinsabu f'riskju ta' faqar.

Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+): Is-suċċessur tal-Fond Soċjali Ewropew għall-perjodu 2021-2027.

Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE): Il-ħames fondi prinċipali tal-UE li flimkien jipprovdu appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku fl-UE kollha: il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd.

Forza tax-xogħol: Dawk kollha li jaħdmu, jew li qed ifittxu xogħol b'mod attiv, fil-produzzjoni diretta ta' oġġetti u servizzi.

ICT: Teknoloġija tal-informatika u tal-komunikazzjoni

I-DESI: Indiċi Internazzjonali tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali

Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII): Pakkett ta' miżuri li jippermettu użu flessibbli tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej b'rispons għat-tifqigħa tal-COVID-19.

Intrapriża żgħira jew medja (SME): Definizzjoni skont id-daqs, li tiġi applikata għal kumpaniji u għal organizzazzjonijiet oħra, fuq il-bażi tal-għadd ta' impjegati u ta' ċerti kriterji finanzjarji. L-intrapriżi żgħar ikollhom inqas minn 50 impjegat, u fatturat jew total tal-karta tal-bilanċ mhux ogħla minn EUR 10 miljun. L-intrapriżi ta' daqs medju jkollhom inqas minn 250 impjegat, u fatturat mhux ogħla minn EUR 50 miljun jew total tal-karta tal-bilanċ mhux ogħla minn EUR 43 miljun.

OECD: L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi

PIAAC: Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Kompetenzi tal-Adulti

Programm operazzjonali: Il-qafas bażiku għall-implimentazzjoni tal-proġetti ta' koeżjoni ffinanzjati mill-UE f'perjodu stabbilit, li jirrifletti l-prijoritajiet u l-objettivi stabbiliti fil-ftehimiet ta' sħubija bejn il-Kummissjoni u Stati Membri individwali.

Qafas Strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020): Forum għall-Istati Membri biex jiddiskutu l-politika tal-edukazzjoni, jiskambjaw l-aħjar prattiki u jitgħallmu minn xulxin.

Tagħlim għall-adulti/edukazzjoni għall-adulti: L-attivitajiet ta' tagħlim wara t-tmiem tal-edukazzjoni inizjali, li huma parti mill-politika tal-UE dwar it-tagħlim tul il-ħajja.

Tagħlim tul il-ħajja: L-attivitajiet kollha ta' tagħlim imwettqa tul il-ħajja bil-għan li jittejbu l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi.

Annessi

Anness I – Kejl tal-ħiliet diġitali

Aħna nirreferu għal erba' sorsi ta' informazzjoni dwar il-livelli ta' ħiliet diġitali:

(1) L-**indikatur tal-ħiliet diġitali** (DSI) **tal-Eurostat** ġie żviluppat f'kooperazzjoni maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u d-DĠ CNECT, u ġie ppubblikat għall-ewwel darba fl-2015. Dan l-indikatur huwa bbażat fuq il-Qafas ta' Kompetenza Diġitali, li huwa qafas ta' kompetenza għall-ħiliet diġitali aċċettat b'mod wiesa' u żviluppat xjentifikament. L-indikatur huwa bbażat fuq attivitajiet magħżula relatati mal-użu tal-internet jew tas-software minn individwi fl-età ta' bejn 16 u 74 sena f'4 oqsma speċifiċi (informazzjoni, komunikazzjoni, soluzzjoni tal-problemi u ħiliet fl-użu ta' software). Il-livelli ppubblikati huma erbgħa: mingħajr ħiliet, livell baxx ta' ħiliet, ħiliet bażiċi u ħiliet ogħla minn dawk bażiċi. Il-livelli ta' ħiliet diġitali ta' dawk il-persuni li ma kinux użaw l-internet f'dawn l-aħħar tliet xhur ma setgħux jiġu vvalutati (kategorija li qed tonqos rapidament).

L-indikatur tal-ħiliet diġitali huwa disponibbli għall-2015, l-2016, l-2017 u l-2019. Huwa bbażat fuq l-Istħarriġ Komunitarju tal-UE dwar l-użu tal-ICT fl-unitajiet domestiċi u minn individwi. Id-*data* tinġabar mill-Istituti nazzjonali tal-istatistika f'kull Stat Membru, u tintbagħat lill-Eurostat biex tiġi vvalidata u aggregata. L-Eurostat jagħmel l-indikatur disponibbli fuq is-sit web tiegħu, f'bosta ripartizzjonijiet (relatati mal-età, il-ġeneru, l-edukazzjoni, l-introjtu kwartili u l-attività ekonomika).

(2) L-**Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali** (DESI) huwa indiċi kompost li jiġbor fil-qosor l-indikaturi rilevanti dwar il-prestazzjoni diġitali tal-Ewropa u li jittraċċa l-evoluzzjoni tal-Istati Membri tal-UE fil-kompetittività diġitali. Id-dimensjoni tal-Kapital Uman tad-DESI tkejjel il-ħiliet diġitali billi tieħu inkunsiderazzjoni l-ħiliet tal-utenti tal-internet (ibbażat fuq l-indikatur tal-ħiliet diġitali tal-Eurostat, kif imsemmi hawn fuq), u tal-ħiliet avvanzati tal-ICT (ikkalkulati mill-għadd ta' speċjalisti impjegati fl-ICT u mill-għadd ta' gradwati fl-ICT).

(3) Id-**DESI Internazzjonali** jestendi d-DESI għal 18-il pajjiż barra mit-territorju tal-UE, biex jippermetti tqabbil usa' tal-prestazzjoni diġitali. Peress li d-*data* sottostanti tad-DESI, ipprovduta mill-Eurostat, mhijiex disponibbli għal xi pajjiżi, għad-dimensjoni tal-kapital uman intużaw indikaturi differenti. Għall-kejl ta' mill-inqas il-ħiliet bażiċi, intuża l-indikatur għal individwi li użaw software tal-word processing fl-aħħar 12-il xahar, ibbażat fuq l-istatistika tal-OECD għall-2019 dwar

it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. Il-metodoloġija I-DESI hija għalhekk inqas kumplessa u sofistikata minn dik tad-DESI.

(4) Il-**Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Kompetenzi tal-Adulti (PIAAC)** huwa l-programm tal-OECD għall-valutazzjoni u l-analiżi tal-ħiliet tal-adulti. L-istħarriġ ewlieni mwettaq bħala parti mill-PIAAC huwa l-Istħarriġ dwar il-Ħiliet tal-Adulti. Dan l-istħarriġ ikejjel il-proficjenza tal-adulti fil-ħiliet ewlenin tal-ipproċessar tal-informazzjoni -il-litteriżmu, in-numeriżmu u s-soluzzjoni tal-problemi - u jiġbor informazzjoni u *data* dwar kif l-adulti jużaw il-ħiliet tagħhom meta jkunu d-dar, fuq il-post tax-xogħol u fil-komunità usa". Filwaqt li jkejjel il-proficjenza tal-adulti fis-soluzzjoni tal-problemi f'ambjenti teknoloġikament avvanzati, l-istħarriġ jipprova jinkludi aktar mill-ħiliet purament strumentali relatati mal-għarfien u l-użu tat-teknoloġiji diġitali. Id-dimensjonijiet konjittivi tas-soluzzjoni tal-problemi huma l-oġġett ċentrali tal-valutazzjoni, filwaqt li l-użu tal-ICT huwa dak sekondarju. Barra minn hekk, dan l-istħarriġ huwa test u mhuwiex awtovalutazzjoni bħal fil-każ tal-istħarriġ tal-Eurostat. Il-PIAAC ġie kkompletat fi 3 ċikli fit-32 pajjiż tal-OECD u 3 entitajiet subnazzjonali tal-OECD, inklużi Flanders (il-Belġju), l-Ingilterra (ir-Renju Unit), u l-Irlanda ta' Fuq (ir-Renju Unit).

Il-livelli ta' proficjenza jiġu vvalutati kif ġej:

- Taħt il-Livell 1 (medja tal-OECD: 14.6 %): Il-kompiti huma bbażati fuq problemi ddefiniti sew li jinvolvu l-użu ta' funzjoni waħda biss fi ħdan interfaċċa ġenerika.
- Livell 1 (medja tal-OECD: 28.3 %): F'dan il-livell, il-kompiti tipikament jeħtieġu l-użu ta' applikazzjonijiet teknoloġiċi li huma disponibbli b'mod wiesa' u familjari, bħal software tal-posta elettronika jew brawżer tal-internet. Il-problema tista' tiġi solvuta irrispettivament mis-sensibilizzazzjoni u mill-użu ta' għodod u funzjonijiet speċifiċi (eż. funzjoni selettiva) min-naħa tar-rispondent. Il-kompiti jinvolvu ftit passi u għadd minimu ta' operaturi.
- Livell 2 (medja tal-OECD: 24.7 %): F'dan il-livell, il-kompiti tipikament jirrikjedu l-użu ta' applikazzjonijiet teknoloġiċi kemm ġeneriċi kif ukoll aktar speċifiċi. Il-kompitu jista' jinvolvi bosta passi u operaturi. Il-kompitu jista' jirrikjedi l-evalwazzjoni tar-rilevanza ta' sett ta' oġġetti biex jiġu eliminati d-distratturi. Ċertu proċess ta' integrazzjoni u raġunament inferenzjali jistgħu jkunu meħtieġa.
- Livell 3 (medja tal-OECD: 5.1 %): F'dan il-livell, il-kompiti tipikament jirrikjedu l-użu ta' applikazzjonijiet teknoloġiċi kemm ġeneriċi kif ukoll aktar speċifiċi. L-użu ta' għodod (eż. funzjoni selettiva) huwa meħtieġ biex isir progress lejn is-soluzzjoni.

Il-kompitu jista' jinvolvi bosta passi u operaturi. Tipikament ikun hemm domandi għoljin ta' monitoraġġ. X'aktarx li jkun hemm riżultati u impassi mhux mistennija. Il-kompitu jista' jirrikjedi l-evalwazzjoni tar-rilevanza u tal-affidabbiltà tal-informazzjoni sabiex jiġu eliminati d-distratturi.

Id-differenzi prinċipali bejn l-indikatur kompost tal-Eurostat, id-DESI u l-PIAAC tal-OECD jintwerew hawn taħt fit-***Tabella 5***.

Tabella 5 – Tqabbil tal-kejl tal-ħiliet diġitali

Dimensjoni	ESTAT (DESI)	PIAAC TAL-OECD
Definizzjoni tal-ħiliet diġitali	Ibbażat fuq DigComp	Taħlita ta' ħiliet tal-ICT u ta' elementi konjittivi (soluzzjoni tal-problemi)
Livelli ta' profiċjenza	Mingħajr ħiliet/Ħiliet bażiċi/Ħiliet ogħla minn dawk bażiċi	Livell 1-3, taħt il-Livell 1
Metodu ta' stħarriġ	Awtovalutazzjoni permezz ta' stħarriġ dwar l-użu tal-ICT fl-unitajiet domestiċi	Test ibbażat fuq il-kompjuter, li jibda bi kwestjonarju ġenerali u test ewlieni fl-ICT
Komparabbiltà matul iż-żmien u żona ġeografika	Iva	Le, ċiklu wieħed biss
Objettiv	Tqabbil, appoġġ għall-politika tal-UE	Bażi għall-istrateġiji nazzjonali għall-ħiliet, tqabbil
Tempestività	2015-2017, 2019	Darba fl-2011, fl-2014 jew fl-2017

Dimensjoni	ESTAT (DESI)	PIAAC TAL-OECD
Kopertura	L-Istati Membri kollha	Fl-2011 u fl-2012: l-Awstrija, il-Belġju (Flanders), ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Repubblika Slovakka, Spanja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit (l-Ingilterra u l-Irlanda ta' Fuq). Fl-2014 u fl-2015: il-Greċja, il-Litwanja u s-Slovenja Fl-2017: l-Ungerija. Ħafna membri oħra tal-OECD
Età tal-popolazzjoni koperta	16-74 sena	16-65 sena

Sors: il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni pprovduta mill-Eurostat, id-DĠ CNECT u l-OECD.

Anness II – Koalizzjonijiet Nazzjonali għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali (NDSJC)

Pajjiż	Strateġija f'nofs l-2019	NDSJC	Objettivi prinċipali	Sehem tal-attivitajiet skont il-gruppi fil-mira (bħala %)			
				Iċ-ċittadini kollha	Edukazzjoni	Professjonisti tal-ICT	Forza tax-xogħol
L-Awstrija	Iva	Iva	L-Alleanza Awstrijaka għall-Ħiliet u l-Professjonijiet Diġitali tnediet f'Ġunju 2020. Hija parti essenzjali mill-pjan ta' azzjoni diġitali li attwalment qed jiġi żviluppat fil-livell nazzjonali. Kemm fil-kapitolu tal-edukazzjoni kif ukoll fil-kwistjoni trażversali tar-reżiljenza għall-kriżijiet, is-sejbiet mill-fażi tal-għeluq relatata mal-COVID-19 fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni attwalment huma primarjament inklużi u jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-ippjanar tal-programm ta' ħidma tal-alleanza għall-perjodu 2020/21. Bħala l-ewwel parti tal-alleanza, il-Bord ta' Monitoraġġ ta' DigComp beda l-ħidma tiegħu f'Marzu bħala korp ta' aċċertament tal-kwalità għall-allokazzjoni għall-mudell ta' kompetenza diġitali għall-Awstrija.	L-ebda informazzjoni disponibbli			
Il-Belġju	Le	Iva	Il-Koalizzjoni Nazzjonali Belġjana hija komunità attiva ta' organizzazzjonijiet, organizzazzjonijiet mhux governattivi, istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u tal-impjiegi, u sħab soċjali. Hija għandha objettiv wieħed ċar: li ttejjeb, b'mod inklużiv, l-għarfien tal-Belġjani f'dak li jirrigwarda l-ħiliet diġitali għal impjiegi attwali u dawk tal-futur.	35 %	25 %	30 %	10 %
Il-Bulgarija	Le	Iva	L-għan prinċipali tal-Alleanza Nazzjonali Diġitali (DNA) huwa li tattira aktar persuni lejn teknoloġiji ġodda, biex jiġi sfruttat b'mod effettiv il-potenzjal diġitali għaċ-ċittadini kollha u jiġi appoġġat l-iżvilupp tas-settur tal-ICT fil-Bulgarija. Id-DNA tikkollabora u tgħaqqad ix-xogħol tan-negozji, l-universitajiet u l-gvern fil-Bulgarija u tgħin biex jinkisbu l-prijoritajiet stabbiliti fl-Aġenda Diġitali għall-Ewropa.	10 %	60 %	10 %	20 %
Il-Kroazja	Le	Iva	Il-Koalizzjoni Nazzjonali Kroata għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali għandha l-għan li tisfrutta l-potenzjal dejjem jikber tas-settur tal-ICT fil-Kroazja biex tmexxi t-tkabbir fl-impjiegi fil-Kroazja u tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-ekonomija Kroata. Il-Koalizzjoni għandha l-għan li tindirizza dan l-iskop billi aktar professjonisti b'ħiliet fl-ICT jingħataw taħriġ u jmorru jgħixu fil-Kroazja biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tad-diskrepanza fil-ħiliet.	10 %	25 %	55 %	10 %
Ċipru	Iva	Iva	Il-Koalizzjoni Nazzjonali Ċiprijotta, Grow Digital CY, għandha l-għan li tippromwovi t-tixrid u t-titjib tal-ħiliet diġitali sabiex tindirizza l-ispariġġ bejn għadd baxx ta' professjonisti tal-ICT u għadd ogħla ta' postijiet vakanti. Il-partijiet ikkonċernati pproponew azzjonijiet li għandhom l-għan li jiżguraw id-disponibbiltà adegwata u kontinwa ta' gradwati ta' kwalità għolja skont il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.	10 %	70 %	10 %	10 %

Pajjiż	Strateġija f'nofs l-2019	NDSJC	Objettivi prinċipali	Sehem tal-attivitajiet skont il-gruppi fil-mira (bħala %)			
				Iċ-ċittadini kollha	Edukazzjoni	Professjonisti tal-ICT	Forza tax-xogħol
Ir-Repubblika Ċeka	Iva	Iva	DigiKoalice tikkontribwixxi biex jiżdied il-litteriżmu diġitali taċ-ċittadini Ċeki kollha permezz tal-promozzjoni tal-ħiliet diġitali fl-edukazzjoni u fis-suq tax-xogħol. Dan imbagħad jgħin lill-ekonomija Ċeka biex iżżid il-kompetittività tagħha. DigiKoalice tilħaq dan l-għan bi skopijiet multipli billi tikkollega b'mod simbjotiku l-organizzazzjonijiet li jikkooperaw, il-partijiet ikkonċernati u l-attivitajiet tagħhom.	20 %	40 %	20 %	20 %
Id-Danimarka	Iva	Iva	Il-Koalizzjoni Nazzjonali Daniża tiddefinixxi objettivi komuni, tistieden lill-partijiet rilevanti biex jingħaqdu u joħolqu b'mod konġunt pjan ta' azzjoni biex titnaqqas id-diskrepanza fil-ħiliet. Minkejja li d-Danimarka hija fost l-aktar nazzjonijiet diġitalizzati, ir-riċerka turi li aktar minn 1 000 000 ċittadin Daniż fl-età ta' bejn 16 u 65 sena għandhom nuqqas ta' ħiliet diġitali. Fis-settur tal-ICT, id-Danimarka għandha wkoll diskrepanza kritika fil-ħiliet, li tidher li qed tikber meta wieħed iħares lejn il-futur.	60 %	10 %	5 %	25 %
L-Estonja	Iva	Iva	Il-Koalizzjoni Nazzjonali Estonjana għandha l-għan li tnaqqas id-diskrepanza fil-ħiliet diġitali billi tiffoka fuq programmi li jistgħu jħarrġu proporzjonijiet kbar tal-popolazzjoni fil-ħiliet diġitali. Il-Koalizzjoni tinkludi dawk li jfasslu l-politika, il-fornituri ta' servizzi elettroniċi u l-kumpaniji tat-taħriġ fl-IT. Hija żviluppat inizjattivi ta' taħriġ awtofinanzjati u fuq skala kbira li għandhom l-għan li jnaqqsu d-diskrepanza fil-ħiliet diġitali. L-iskop ta' dawn l-attivitajiet huwa li jitnaqqas għal 5 % l-għadd ta' persuni fl-Estonja li ma jużawx il-kompjuters jew l-internet.	80 %	10 %		10 %
Il-Finlandja	Iva	Le					
Franza	Iva	Iva	Il-Koalizzjoni Nazzjonali Franċiża tlaqqa' flimkien atturi lokali u nazzjonali attivi fi kwistjonijiet diġitali. Hija sħubija b'saħħitha, fejn il-partijiet ikkonċernati jaħdmu flimkien biex inaqqsu d-diskrepanza fil-ħiliet diġitali fi Franza, skont pjan prammatiku. Tikkontribwixxi wkoll għall-identifikazzjoni, l-iżvilupp u t-tixrid ta' prattiki tajba.	10 %	10 %	30 %	50 %
Il-Ġermanja	Iva	Le					
Il-Greċja	Iva	Iva	Il-prijoritajiet tal-Koalizzjoni Nazzjonali Griega huma li tippromwovi t-trasformazzjoni diġitali tal-aġenziji pubbliċi, il-ħiliet diġitali fl-edukazzjoni permezz tal-ikkowdjar u s-sikurezza tal-internet. Barra minn hekk, hemm prijorità orizzontali biex jiġu promossi l-ħiliet diġitali u l-karriera fl-IT għan-nisa u l-bniet.	30 %	34 %	2 %	34 %

Pajjiż	Strateġija f'nofs l-2019	NDSJC	Objettivi prinċipali	Sehem tal-attivitajiet skont il-gruppi fil-mira (bħala %)			
				Iċ-ċittadini kollha	Edukazzjoni	Professjonisti tal-ICT	Forza tax-xogħol
L-Ungerija	Iva	Iva	Il-kooperazzjoni bejn diversi membri tal-Koalizzjoni Nazzjonali Ungeriża bdiet bosta snin qabel it-tnedija uffiċjali tagħha f'Diċembru 2016. Il-Koalizzjoni ġiet stabbilita biex tiffaċilita d-diskussjonijiet bejn il-partijiet ikkonċernati bil-għan li jinstabu soluzzjonijiet biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' persuni b'ħiliet diġitali fis-suq tax-xogħol Ungeriż u biex il-gvern jiġi appoġġat fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' strateġiji adegwati.	5 %	35 %	30 %	30 %
L-Irlanda	Iva	Iva	Il-Koalizzjoni Irlandiża għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali hija sħubija bejn diversi partijiet ikkonċernati ffukata fuq l-indirizzar tad-diskrepanza fil-ħiliet diġitali. Rappreżentanti tal-akkademja, is-setturi kollha tal-edukazzjoni, l-industrija, is-servizz pubbliku u s-settur mingħajr skop ta' qligħ ingħaqdu flimkien biex jiżguraw li l-Irlanda tingħaqad mal-isforz Ewropew biex tiġi promossa l-inklużjoni għal titjib integrali kontinwu tad-diġitalizzazzjoni.	25 %	25 %	30 %	20 %
L-Italja	Iva	Iva	L-objettiv tal-Koalizzjoni Taljana huwa li tnaqqas il-forom differenti ta' distakk diġitali soċjali u kulturali fost il-popolazzjoni Taljana, trawwem l-inklużjoni diġitali u tippromwovi l-iżvilupp tal-ħiliet għax-xogħlijiet tal-futur. B'mod partikolari, il-Koalizzjoni se tniedi azzjonijiet biex tingħata spinta lill-ħiliet diġitali fost iċ-ċittadini kollha, billi tipprovdilhom għodod ta' tagħlim u ta' awtożvilupp (kits ta' awtovalutazzjoni, kotba elettroniċi, korsijiet online), u biex il-persuni jiġu megħjuna jużaw is-servizzi u l-għodod ġodda taċ-ċittadinanza diġitali b'mod attiv u responsabbli.	53 %		22 %	25 %
Il-Latvja	Iva	Iva	Il-Koalizzjoni Nazzjonali Latvjana, li ġiet stabbilita f'Marzu 2013, toffri post lil varjetà ta' partijiet ikkonċernati biex jiddiskutu u jwettqu l-għanijiet ta' żvilupp tal-ħiliet diġitali għal-Latvja u jikkooperaw f'inizjattivi konġunti. Sa mill-bidu nett, is-sħab bdew jimplimentaw proġetti ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali fuq skala kbira għall-SMEs, il-forza tax-xogħol, il-professjonisti tal-ICT, iż-żgħażagħ u ċ-ċittadini kollha. Hija tippromwovi wkoll b'mod attiv is-servizzi diġitali.	32 %	27 %	23 %	18 %
Il-Litwanja	Iva	Iva	Il-Koalizzjoni Diġitali Nazzjonali Litwana tippromwovi l-ħiliet diġitali għall-ħajja u x-xogħol, u tħeġġeġ it-tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd, speċjalment għaż-żgħażagħ, biex jissaħħaħ il-potenzjal diġitali ġenerali.	50 %	10 %	20 %	20 %
Il-Lussemburgu	Iva	Iva	Digital Luxembourg, Chambre de Commerce u Chambre des Métiers nedew mill-ġdid il-Koalizzjoni Nazzjonali f'Settembru 2019. Il-Koalizzjoni tlaqqa' flimkien lill-partijiet ikkonċernati privati u lil dawk pubbliċi biex jistabbilixxu aġenda nazzjonali u jikkoordinaw azzjonijiet konkreti biex jiġu aċċellerati l-ħiliet diġitali fir-reġjun. Bil-kriżi tal-COVID-19, il-Koalizzjoni ffukat fuq il-perspettivi l-ġodda tal-ħiliet diġitali biex tiġi ffaċċata l-pandemija tal-COVID-19, speċjalment dawk marbuta ma' xogħol mill-bogħod; il-ħtieġa għal taħriġ u taħriġ mill-ġdid, u l-impatt fuq is-suq tax-xogħol. Permezz tas-sit web tagħhom huma jridu jkunu punt ċentrali għal inizjattivi dwar ħiliet/impjiegi diġitali.	L-ebda informazzjoni disponibbli			

Pajjiż	Strateġija f'nofs l-2019	NDSJC	Objettivi prinċipali	Sehem tal-attivitajiet skont il-gruppi fil-mira (bħala %)			
				Iċ-ċittadini kollha	Edukazzjoni	Professjonisti tal-ICT	Forza tax-xogħol
Malta	Iva	Iva	Il-Koalizzjoni eSkills Malta Foundation hija ffurmata minn rappreżentanti mill-gvern, mill-industrija u mis-settur tal-edukazzjoni u l-għan tagħha huwa li tagħti pariri dwar il-politiki attwali u dawk futuri relatati mal-ħiliet diġitali, tikkontribwixxi għall-espansjoni ta' programmi edukattivi tal-ICT, tmexxi programm ta' żvilupp tal-professjonaliżmu fl-ICT, tappoġġa l-kampanji, u tippromwovi l-potenzjal tal-ħiliet diġitali tal-Maltin.	20 %	30 %	30 %	20 %
In-Netherlands	Iva	Iva	Il-Koalizzjoni Netherlandiża għandha l-għan li tiżviluppa moviment fin-Netherlands li jkollu fil-mira u li jmexxi l-ħiliet diġitali għall-inklużjoni, l-innovazzjoni u l-benefiċċji ekonomiċi. Il-premessa wara dan l-iskop tinsab fir-ritmu rapidu tal-iżviluppi diġitali, li jeħtieġu ħiliet diġitali komplementari. Il-Koalizzjoni Netherlandiża hija ffukata fuq l-iżgurar li ċ-ċittadini fil-livelli kollha jkunu lesti għat-trasformazzjoni diġitali u li l-ikkowdjar u l-ħiliet diġitali jsiru pedament tal-kurrikuli tal-edukazzjoni.	15 %	50 %	20 %	15 %
Il-Polonja	Iva	Iva	L-għan tal-Alleanza Wiesgħa tal-Ħiliet Diġitali huwa li tippromwovi l-iżvilupp tal-Polonja billi tuża l-potenzjal sħiħ tat-teknoloġiji tal-informazzjoni moderni disponibbli li jittrasformaw b'mod sinifikanti l-aspetti kollha tas-soċjetà u tal-ekonomija. Il-Koalizzjoni ssegwi dan billi xxerred l-edukazzjoni diġitali u l-iżvilupp sostenibbli tal-ħiliet diġitali adattati għas-suq tax-xogħol li qed jinbidel b'mod dinamiku.	15 %	50 %	20 %	15 %
Il-Portugall	Iva	Iva	INCoDe.2030 tiffoka fuq iż-żieda fil-kompetenzi diġitali taċ-ċittadini Portugiżi kollha biex jirrispondu aħjar għall-isfidi tas-soċjetà diġitali. Hija tinvolvi firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati bil-għan li l-Portugall isir diġitalment avvanzat sal-2030. INCoDe.2030 tistenna li sal-2030, kull unità domestika Portugiża se jkollha aċċess għall-internet u l-għadd ta' utenti frekwenti tal-internet se jikber għal 90 %.	25 %	25 %	25 %	25 %
Ir-Rumanija	Iva	Iva	Il-Koalizzjoni Nazzjonali Rumena (Skills4IT) hija pjattaforma miftuħa li tinkludi varjetà ta' partijiet ikkonċernati: dawk li jfasslu l-politika, kumpaniji tal-ICT, assoċjazzjonijiet, fornituri tat-taħriġ u organizzazzjonijiet mhux governattivi involuti fit-trasformazzjoni diġitali. L-attivitajiet qed jiffukaw fuq l-introduzzjoni ta' klassijiet tal-ikkowdjar u tal-IT fl-iskejjel, l-organizzazzjoni ta' korsijiet dwar iċ-ċibersigurtà u ta' avvenimenti edukattivi. Il-Koalizzjoni tipprovdi wkoll taħriġ biex jittejbu l-ħiliet diġitali tal-forza tax-xogħol.	15 %	40 %	30 %	15 %
Is-Slovakkja	Iva	Iva	Il-Koalizzjoni Nazzjonali Slovakka (Digitálna Koalícia) tlaqqa' flimkien lis-sħab mis-setturi tal-gvern, privati, mingħajr skop ta' qligħ u akkademiċi biex iħejju lis-Slovakki ta' kull età għax-xogħol u l-ħajja fl-ekonomija diġitali emerġenti. Sa issa, l-attivitajiet tal-Koalizzjoni laħqu aktar minn 30 000 persuna	10 %	30 %	30 %	30 %

Pajjiż	Strateġija f'nofs l-2019	NDSJC	Objettivi prinċipali	Sehem tal-attivitajiet skont il-gruppi fil-mira (bħala %)			
				Iċ-ċittadini kollha	Edukazzjoni	Professjonisti tal-ICT	Forza tax-xogħol
Is-Slovenja	Iva	Iva	Il-Koalizzjoni Diġitali Nazzjonali tas-Slovenja ġiet iffurmata fl-2016 mill-partijiet ikkonċernati fis-setturi kollha. Il-Koalizzjoni Diġitali hija forum nazzjonali miftuħ li jlaqqa' flimkien lill-partijiet interessati kollha. Huma jistgħu jiġu involuti fix-xogħol tal-Koalizzjoni irrispettivament minn jekk ikunux sostenituri jew kritiċi tal-opportunitajiet u l-bidliet ġodda li qed jirriżultaw mit-trasformazzjoni diġitali.	25 %	30 %	20 %	25 %
Spanja	Iva	Iva	Il-Koalizzjoni Nazzjonali Spanjola tiġbor madwar 200 parti ikkonċernata bħal kumpaniji tal-IT, istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, trade unions, fondazzjonijiet, assoċjazzjonijiet u organizzazzjonijiet governattivi. Il-Koalizzjoni qed issawwar b'mod attiv id-dibattitu dwar l-iżvilupp ta' grupp ta' talent diġitali fi Spanja, billi tippromwovi l-impjegabbiltà bis-saħħa tal-ħiliet diġitali.	10 %	35 %	35 %	20 %
L-Iżvezja	Iva	Iva	L-iskop ġenerali tal-koalizzjoni huwa doppju: L-ewwel nett, li tagħmel viżibbli l-attivitajiet relatati mal-ħiliet diġitali li l-membri individwali tal-koalizzjoni diġà jwettqu, jew li qed jippjanaw li jagħmlu, u ssaħħaħ b'mod reċiproku l-effetti ta' dawn l-attivitajiet. U t-tieni, li jiġi organizzat avveniment komuni b'fokus fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. L-aktar forza importanti li tixpruna l-objettivi tal-koalizzjoni hija l-istrateġija tal-politika diġitali tal-Gvern Żvediż, li ġiet ippreżentata f'Mejju 2017.	20 %	30 %	30 %	20 %

Sors: il-QEA, ibbażat fuq skedi informattivi dwar id-DSJCs nazzjonali.

Anness III – Informazzjoni finanzjarja dwar it-tnedija tal-programm tal-FSE għall-Istati Membri individwali sa tmiem l-2019

Id-*data* finanzjarja rrappurtata mill-Istati Membri hija ddefinita fl-Artikolu 112 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni Nru 1303/2013:

"1. Sal-31 ta' Jannar, il-31 ta' Lulju u l-31 ta' Ottubru, l-Istat Membru għandu jittrażmetti b'mod elettroniku lill-Kummissjoni għall-finijiet ta' monitoraġġ, għal kull programm operazzjonali u skont l-assi ta' prijorità:
(a) in-nefqa [l-ispiża] pubblika totali u eliġibbli tal-operazzjonijiet u n-numru ta' operazzjonijiet magħżula għas-sostenn;
(b) l-ispiża [in-nefqa] eliġibbli totali ddikjarata mill-benefiċjarji lill-awtorità ta' ġestjoni".

Din id-*data* tiġi trażmessa permezz tal-SFC2014 (il-pjattaforma għall-iskambju elettroniku ta' informazzjoni dwar il-ġestjoni kondiviża tal-Fond bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea) mill-Istati Membri u mbagħad aktar tard tiġi ppubblikata wkoll fil-pjattaforma tad-*data* miftuħa dwar il-FSIE.

Dawn it-tabelli jinkludu l-kategorizzazzjoni tal-ammonti ppjanati u implimentati għall-programmi kollha tal-FSE. Il-korrettezza tad-*data* hija żgurata mill-Istati Membri.

Il-QEA kkalkulat l-ammonti fit-***Tabella 4*** għall-Qasam ta' Intervent 117 – It-titjib fl-aċċess ugwali għat-tagħlim tul il-ħajja u l-Qasam ta' Intervent 118 – It-tisħiħ tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, li jirrappreżentaw il-Prijoritajiet ta' Investiment 10iii u 10iv tal-FSE. B'kont meħud ta' dawn l-ammonti, aħna ffiltrajna din id-*data* għat-Tema Sekondarja 5 It-titjib tal-aċċessibbiltà għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, u l-użu u l-kwalità tagħhom. It-temi sekondarji huma mfassla biex jiġbru informazzjoni dwar l-infiq taħt il-FSE li jikkontribwixxi għal temi u objettivi settorjali sekondarji trażversali, bħal, fil-każ tagħna, It-Titjib tal-aċċessibbiltà għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, u l-użu u l-kwalità tagħhom. Jenħtieġ li idealment is-sett ta' *data* finali jirrappreżenta l-ammonti li ntefqu fl-edukazzjoni għall-akkwiżizzjoni ta' ħiliet diġitali.

Tim tal-QEA

Dan ir-rapport analitiku tal-QEA dwar il-ħiliet diġitali bażiċi tal-adulti jipprovdi ħarsa ġenerali u analiżi tal-modi differenti li bihom l-UE tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex inaqqsu l-għadd ta' persuni fil-forza tax-xogħol li ma għandhomx mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi.

Dan ir-rapport analitiku ġie adottat mill-Awla II tal-Awditjar li tispeċjalizza fl-oqsma ta' nfiq ta' Investiment għall-koeżjoni, it-tkabbir u l-inklużjoni, u li hija mmexxija minn Iliana Ivanova, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Iliana Ivanova, Membru tal-QEA, li ngħatat appoġġ minn Mihail Stefanov, Kap tal-Kabinett u minn James Verity, Attaché tal-Kabinett; Niels-Erik Brokopp, Maniġer Prinċipali; Dieter Böckem, Kap tal-Kompitu; Agota Krenusz, Deputat Kap tal-Kompitu; Jussi Bright, Katarzyna Solarek, u Michele Zagordo, Awdituri.


Iliana Ivanova

Mihail Stefanov

James Verity

Niels-Erik Brokopp

Dieter Böckem

Agota Krenusz

Jussi Bright

Katarzyna Solarek

Michele Zagordo

DRITTIJIET TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2021.

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija implimentata bid-Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA, li huwa proprjetà tal-UE, huwa liċenzjat taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat, dment li l-awturi jingħataw kreditu xieraq u li l-bidliet jiġu indikati. Il-persuni li jużaw mill-ġdid dan il-kontenut ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali tad-dokumenti. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Inti meħtieġ tikseb drittijiet addizzjonali ċari jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza. Fejn ikun inkiseb permess, tali permess għandu jikkanċella u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, inti jista' jkun li jkollok titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinji rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid u inti ma għandekx il-liċenzja biex tużahom.

Il-familja ta' Siti Web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fi ħdan id-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuqhom, inti mħeġġeġ biex tirrieżamina l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Ma jistax isir użu mil-logo tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

Fid-dinja tal-lum, livell raġonevoli ta' ħiliet diġitali huwa dejjem aktar importanti, kemm fuq il-post tax-xogħol kif ukoll barra mix-xogħol. Fl-2019, ħafna adulti fl-UE ma kellhomx ħiliet diġitali bażiċi, li juri "distakk diġitali" bejn l-adulti li għandhom dawn il-ħiliet u dawk li ma għandhomx. Fi snin reċenti, ftit li xejn kien hemm progress fit-tnaqqis ta' dan id-distakk.
F'dan ir-rapport analitiku, aħna neżaminaw dak li l-UE għamlet biex ittejjeb is-sitwazzjoni, kif ukoll dak li hija ppjanat għall-perjodu 2021-2027. Filwaqt li l-UE żiedet il-gwida u l-appoġġ li tipprovdi lill-Istati Membri, kien hemm relattivament ftit proġetti ffinanzjati mill-UE li jiffukaw fuq il-ħiliet diġitali bażiċi tal adulti. Ibbażat fuq l-analiżi li wettaqna, aħna nenfasizzaw l-isfidi prinċipali li l-UE se tiffaċċja fl-indirizzar tad-distakk diġitali fil-futur.

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors

CURIA RATIONUM
IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI